



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 18.7.2012
COM(2012) 410 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Dwar il-progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika

{SWD(2012) 231 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar il-progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika

I. Il-Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika: Appoġġ lir-Rumanija fir-Riforma tal-Ġustizzja u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni

Fiż-żmien ta' qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-UE fl-2007, kien miftiehem li kien meħtieġ aktar xogħol f'oqsma importanti biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fir-riforma ġudizzjarja u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dan wassal għall-istabbiliment ta' qafas bħala appoġġ lir-Rumanija u għal monitoraġġ tal-progress f'dawn l-oqsma, il-Mekkaniżmu ta' Koperazzjoni u Verifika (MKV)¹. Punti ta' riferiment ġew stabbiliti f'erba' oqsma: Ir-riforma ġudizzjarja, l-integrità, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli, u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur pubbliku. Id-Deċiżjoni inkludiet rappurtar regolari mill-Kummissjoni, u pprovdiet sabiex il-mekkaniżmu jkompli sakemm jintlaħħqu l-għanijiet tal-MKV u jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-erba' punti ta' riferiment².

Ħames snin wara l-adeżjoni huwa żmien xieraq biex jiġi valutat jekk ġewx sodisfatti l-għanijiet tal-MKV. Ir-rapport tekniku li jakkumpanja din il-valutazzjoni jiġbor l-iżviluppi ewlenin tal-aħħar ħames snin. Dan ir-rapport jikkunsidra x'inkiseb s'issa u x'għad irid jintlaħhaq. Ikopri kemm il-leġiżlazzjoni u l-għodod li hemm fis-seħħ, l-elementi tal-qafas legali li għad iridu jitlestew, l-implimentazzjoni kif ukoll jekk is-sjieda hijiex integrata b'mod suffiċjenti biex tinżamm id-direzzjoni tar-riforma. Billi tagħmel hekk il-Kummissjoni tikkunsidra s-sostenibbiltà u l-irreversibbiltà tal-proċess ta' riforma bħala l-elementi determinanti tal-valutazzjoni tagħha.

Matul dawn il-ħames snin kien hemm perjodi ta' progress u tfixkil tal-progress, żmien meta l-koperazzjoni imxiet ħarir u żmien meta l-mekkaniżmu kien mibgħud u kien hemm reżistenza għalih B'hekk dan ir-rapport jirrikonoxxi l-progress ġenerali li sar mill-adeżjoni.

Madankollu, dan ir-rapport ġie adottat fi żmien meta qed jitqajmu mistoqsijiet importanti fir-rigward tar-rispett tal-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura fir-Rumanija. Progress ġenerali għandu jiġi vvalutat fil-kuntest ta' rikonoxximent soċjali usa' ta' prinċipji ewlenin bħall-istat tad-dritt, u l-indipendenza tal-proċess ġudizzjarju bħala parti mill-kontrolli u bilanċi ta' demokrazija li tiffunzjona b'mod tajjeb. Sistema ġudizzjarja li tiffunzjona sew u indipendenti, u rispett għal istituzzjonijiet demokratiċi huma indispensabili għal fiduċja reċiproka fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u għall-ksib tal-fiduċja ta' ċittadini u investuturi.

¹ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, is-17 ta' Ottubru 2006 (13339/06); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-koperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-13 ta' Diċembru 2006 (C (2006) 6569 finali).

² Ipprovdiet ukoll għall-possibbiltà ta' mekkaniżmu ta' salvagwardja, li ma kienx hemm b'żonn l-użu tiegħu.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li passi riċenti mill-Gvern tar-Rumanija jgħajmu tħassib serju dwar ir-rispett ta' dawn il-prinċipji fundamentali. Dawn il-passi seħħew f'sistema politika polarizzata żżejjed fejn in-nuqqas ta' fiduċja bejn entitajiet politiċi u akkużi huma xi ħaġa komuni; madankollu dan il-kuntest politiku ma jistax jispjega n-natura sistematika ta' bosta azzjonijiet. Waqt li ċerti azzjonijiet jistgħu jkunu parzjalment spjegati minn din il-polarizzazzjoni politika, tqajmu dubji serji dwar l-impenn għar-rispett tal-istat tad-dritt jew il-fehim tat-tifsira tal-istat tad-dritt f'sistema demokratika pluralista. Sfidi politiċi għal deċiżjonijiet ġudizzjarji, l-imminar tal-qorti konstituzzjonali, tibdil ta' proċeduri stabbiliti u t-tneħħija ta' kontrolli u bilanċi ewlenin xeħtu f'dubju l-impenn tal-Gvern għar-rispett tal-istat tad-dritt u l-analiżi ġudizzjarja indipendenti. B'mod partikolari l-Kummissjoni hija mħassba ħafna mill-indikazzjonijiet ta' manipolazzjonijiet u pressjoni li jaffettwaw istituzzjonijiet, membri tal-ġudikatura u li eventwalment għandhom impatt serju fuq is-soċjetà kollha. Waqt li dan ir-rapport iħares lejn l-aħħar ħames snin bħala ħaġa sħiħa, il-kontroversji attwali jikkonstitwixxu theddida serja tal-progress miksub u jgħajmu mistoqsijiet serji dwar il-futur tar-riformi diġà mnedija. B'hekk dan ir-rapport jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni attwali u jgħin biex jerġa jinkiseb ir-rispett għal prinċipji li huma l-pedamenti ta' demokrazija Ewropea.

L-Unjoni Ewropea tal-lum hija interdipendenti ħafna. L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri fundamentali tal-UE u hemm interess komuni b'saħħtu li jirrifletti l-interess tal-opinjoni pubblika Rumena f'dawn il-kwistjonijiet.³ Stħarriġ tal-Ewrobarometru wera li 93% tar-Rumeni jikkunsidraw il-korruzzjoni bħala kwistjoni importanti għal pajjiżhom, u 91% kellhom l-istess rispons dwar nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja. L-istess stħarriġ ikkonkluda wkoll li 76% tar-Rumeni appoġġjaw li l-UE tgħin biex ikunu trattati dawn il-kwistjonijiet⁴.

L-MKV ma jitlobx lir-Rumanija biex tikseb standards oġhla milli hemm fi Stati Membri oħra. Il-mira hi li tgħin lir-Rumanija tikseb standards komparabbli ma' Stati Membri oħrajn, għan appoġġjat minn 72% tar-Rumeni.⁵ Għall-għan li jitqiegħed fi ħdan dan il-kuntest dak li nkiseb mir-Rumanija mill-adeżjoni, is-sitwazzjoni fi Stati Membri oħrajn hija fattur importanti. Il-Kummissjoni tuża f'dan ir-rapport punti ta' referenza u indikaturi komparattivi fejn huma disponibbli.⁶ Għat-tqabbil tal-progress fir-Rumanija mas-sitwazzjoni fi Stati Membri oħrajn, il-Kummissjoni kkonsultat esperti anzjani minn professjonijiet ewlenin li għandhom x'jaqsmu ma' dawn il-kwistjonijiet.⁷

Mill-2007, il-baġit tal-UE appoġġja l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-riforma ġudizzjarja fir-Rumanija permezz tal-Fondi Strutturali ta' iktar minn EUR 12-il miljun. Dan jinkludi proġetti f'oqsma tal-edukazzjoni, is-saħħa, affarijiet reġjonali, fil-qasam tas-settur ġudizzjarju u mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Integrità. Kien ipprovdut appoġġ addizzjonali mill-fondi ta' qabel l-

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u tad-29 ta' Ġunju jinkludu impenn mill-UE fi ħdan il-Patt għat-Tkabbir u l-Impjiegi biex jiġi indirizzat dewmien fis-sistemi ġudizzjarji bħala parti mill-modernizzazzjoni ta' amministrazzjonijiet pubbliċi (Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2012, il-paġna 8).

⁴ Stħarriġ Flash tal-Ewrobarometru mwettaq mill-Kummissjoni fir-Rumanija f'Mejju tal-2012 (Flash Eurobarometer 351 "Il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija" f': http://ec.europa.eu/public_opinion/index_en.htm).

⁵ Flash Eurobarometer 351

⁶ Punti ta' referenza jinkludu x-xogħol tal-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u l-aġenziji tan-NU.

⁷ Esperti użati fl-2012 inkludew professjonisti anzjani minn Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Irlanda, Spanja, il-Polonja u s-Slovenja.

adeżjoni. Fl-istess ħin, bosta Stati Membri appoġġjaw lir-Rumanija permezz ta' proġetti bilaterali fl-oqsma kollha tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni⁸.

II. Analiżi ta' progress taħt l-MKV 2007-2012

Il-valutazzjoni ġenerali tal-Kummissjoni tal-progress mill-adeżjoni tar-Rumanija turi li ħafna elementi meħtieġa issa qegħdin f'pothom, għalkemm avvenimenti riċenti xeħtu dubju dwar l-irreversibbiltà tal-proċess ta' riforma. Il-MKV għamel kontribuzzjoni ewlenija għal proċess transformattiv fir-Rumanija. B'hekk il-fokus tbiddel biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom tagħti r-riżultati mistennija, u li s-sjieda teżisti biex iżżomm il-momentum ta' riforma, inklużi ċirkostanzi politiċi ta' sfida.

Mill-2007, ir-Rumanija ħolqot jew qiegħda fil-proċess li tagħmel qafas legali bażiku fl-oqsma kollha koperti mill-MKV. Meta jitlesta, l-introduzzjoni ta' kodiċijiet ġodda għandha tirrappreżenta modernizzazzjoni sostanzjali tas-sistema legali. Deċiżjonijiet politiċi oħrajn ipprovdew ukoll qafas solidu, bħall-istrateġija nazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni. Ħafna istituzzjonijiet importanti wkoll ikkontribwixxew għal din il-bażi solida, inkluż id-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI).

Dan il-qafas tmexxa 'l quddiem f'bosta manjieri. Pereżempju, ir-rekord ta' DNA u ANI, passi meħudin mill-Qorti Ġenerali biex jiġu ndirizzati każijiet ewlenin ta' livell għoli ta' korruzzjoni, u xi eżempji ta' korpi tal-gvern li jindirizzaw il-korruzzjoni fil-grad tagħhom huma passi fid-direzzjoni t-tajba. Hija pożittiva li t-tmexxija ġudizzjarja wriet l-impenn tagħha għal indipendenza fid-dawl ta' avvenimenti riċenti. Madankollu, l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas ta' regoli mill-ġudikatura u l-amministrazzjoni b'mod ġenerali għadha ma laħħqitx l-għanijiet tal-MKV. F'xi każijiet, l-implimentazzjoni għadha kif bdiet, hekk kif ir-riformi ġew introdotti riċentement. F'każijiet oħrajn, l-implimentazzjoni iltaqgħet ma' diffikultajiet, ta' spiss marbuta mas-sjieda tar-riformi mill-awtoritajiet. Mhux l-aġenziji kollha tal-gvern jistgħu jiġu kkunsidrati illum il-ġurnata bħala li jaħdmu flimkien għall-istess riżultati.⁹ Għad hemm ostakoli biex ikun hemm progress fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-akkwist pubbliku. It-tmexxija murija fl-indirizzar ta' smiġħ ta' korruzzjoni ta' livell għoli fil-Qorti Ġenerali għad trid tkun riflessa fi qrati f'livelli oħrajn.

Huwa wkoll l-każ li f'xi oqsma importanti, il-bidliet li saru kienu primarjament ir-riżultat ta' pressjoni esterna. Il-MKV innifsu kien ċentrali għal dan il-proċess – u ġie rikonoxxut mill-opinjoni pubblika Rumena.¹⁰ Huwa għen biex tinżamm id-direzzjoni tar-riforma f'mument ta' pressjoni u nkorraġġixxa bidliet li jeħtieġu kuraġġ biex jisfidaw interessi personali. Il-ħtieġa għal pressjoni esterna tqajjem mistoqsijiet dwar is-sostenibbiltà u l-irreversibbiltà tar-riforma, mistoqsijiet enfasizzati minn avvenimenti attwali.

Il-proċess ta' bidla mfassal mir-rapporti tal-MKV ma kellux kontinwità. Gvernijiet u Parlamenti differenti taw enfasi differenti lil dawn il-kwistjonijiet. Il-kwistjonijiet

⁸ Rapport tekniku, paġna 48.

⁹ Pereżempju, ix-xogħol tal-ANI jista' jkun iktar effettiv li kieku tgawdi minn koperazzjoni sħiħa minn aġenziji oħrajn tal-gvern u segwitu enerġetiku mill-ġudikatura.

¹⁰ Dawn il-konklużjonijiet huma appoġġjati mill-perċezzjoni pubblika. Il-65% ta' dawk li wiegħbu għal sħarriġ Flash tal-Eurobarometru li sar fir-Rumanija jemmnu li azzjoni tal-UE permezz tal-MKV kellha impatt pożittiv fl-indirizzar ta' nuqqasijiet fis-sistema ġudizzjarja (59% huma tal-istess fehma rigward il-korruzzjoni). Fl-istess ħin, maġġoranza kbira temmen li s-sitwazzjoni f'dawn iż-żewġ oqsma baqgħet l-istess jew marret għall-aġar fl-aħħar ħames snin. (Flash Eurobarometer 351).

ikkonċernati huma kwistjonijiet politiċi importanti u sa ċertu punt dibattitu u differenzi huma parti normali tal-proċess politiku. Ċertu istituzzjonijiet saru operazzjonali malajr. oħrajn damu ftit biex bnew momentum. Il-proċess fejn l-attitudnijiet evolwew kemm fl-amministrazzjoni kif ukoll fil-ġudikatura kien irregolari u gradwali.

Is-sjieda u l-implimentazzjoni b'hekk huma elementi ewlenin fit-twettiq tal-punti ta' riformament tal-MKV. Huma jiddeterminaw is-sostenibbiltà u l-irreversibbiltà ta' riforma. Huma murija permezz ta' azzjonijiet, riżultati u deċiżjonijiet meħudin minn dawk fl-awtorità biex jinfluwenzaw id-direzzjoni u l-veloċità tal-bidla. Il-ħatriet li ġejjin ta' Prosekutur Ġenerali ġdid u ta' Prosekutur Kap tad-DNA b'hekk se jkunu indikaturi ewlenin tas-sostenibbiltà tar-riforma. Il-Kummissjoni qed tteġġeg ukoll lill-gvern biex jieħu l-passi meħtieġa bħala rimedju għad-dannu li sar lir-riforma fl-aħħar ġimgħat.

II.1 Riforma Ġudizzjarja 2007-2012

Il-Punt ta' Riferiment I: L-iżguraw tal- proċess ġudizzjarju trasparenti u effiċjenti l-aktar fit-titjib tal-kapaċità u r-responsabbiltà tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Rappurtaġġ u monitoraġġ tal-impatt tal-kodiċijiet ġodda tal-proċeduri ċivili u penali

Avvenimenti riċenti li jikkonċernaw l-indipendenza tal-ġudikatura u l-istat tad-dritt

L-indipendenza ġudizzjarja tibqa' kwistjoni importanti għar-Rumanija. Mill-adeżjoni, il-ġudikatura setgħet tafferma l-indipendenza b'mod gradwali, b'mod partikolari permezz tal-investigazzjoni, l-prosekuzzjoni u l-proċess quddiem il-qorti kriminali b'suċċes ta' għadd li qed jiżdied ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Dan wassal għal kisbiet sinifikanti fil-livell ta' prosekuzzjoni u mill-2010, ukoll fil-livell ta' qrati kif deskritt skont il-kapitolu II.2 f'dan ir-rapport. Kundanna finali f'każ emblematicu ta' korruzzjoni ta' livell għoli f'Ġunju u l-azzjonijiet tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura¹¹ u tal-Qorti Kostituzzjonali li jirreżistu sfidi politiċi għal indipendenza ġudizzjarja u fl-affermazzjoni tal-integrità professjonali fid-dawl tal-konsegwenzi ta' dan il-verdett immarkat bidla radikali f'dan is-sens.

Madankollu, il-Kummissjoni hija kkonċernata minn pressjoni riċenti eżerċitata minn membri tal-Gvern Rumenu u politikanti anzjani tal-Qorti Kostituzzjonali: dawn huma interventi inaċċettabbli kontra istituzzjoni ġudizzjarja indipendenti. Il-Gvern u l-livelli kollha politiċi jridu jirrispettaw is-separazzjoni tal-poteri. Iridu jirrispettaw ukoll b'mod strett l-indipendenza tal-ġudikatura.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija kkonċernata mil-limitazzjoni riċenti ta' kompetenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward ta' deċiżjonijiet parlamentari. L-awtoritajiet Rumeni jridu urġentement jġibu lura dawn il-kompetenzi skont il-Kostituzzjoni Rumena. Il-Kummissjoni ġiet infurmata b'ittra tas-16 ta' Lulju mill-Prim Ministru tar-Rumanija li dan ir-reqwiżit se jkun sodisfatt.

L-indipendenza ġudizzjarja u s-separazzjoni tal-poteri huma elementi fundamentali ta' soċjetà demokratika. Fix-xhur li ġejjin il-livelli politiċi kollha se jinħtieġu li juru permezz tal-

¹¹ F'Ġunju, il-pożizzjoni pubblika tal-SCM biex jiddefendi l-indipendenza tal-ġudikatura fid-dawl ta' interventi pubbliċi b'rispett ta' każ wieħed importanti ta' livell għoli ta' korruzzjoni bagħtet messaġġ importanti.

azzjonijiet tagħhom l-impenn tagħhom għal dawn il-prinċipji sabiex jergħu jiksbu l-kunfidenza. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-viċin l-iżviluppi f'dan il-qasam.

L-iżviluppi ewlenin 2007-2012

Il-qafas leġislattiv għas-sistema ġudizzjarja ġie riformat bil-għan li tiġi aġġornata s-sistema ġudizzjarja u tiġi mmirata għall-prijoritajiet ta' llum il-ġurnata. Meta l-kodiċijiet kollha ġodda jkun daħlu fis-seħħ, ir-Rumanija tkun irriediet b'mod sħiħ l-leġislazzjoni kriminali u ċivili tagħha. Fl-interim, il-Liġi dwar ir-Riformi Żgħar kienet eżempju ta' leġislazzjoni Prattika u pragmatika, li tindirizza n-nuqqasijiet reali. Daħlu fis-seħħ liġijiet oħrajn li taw lok biex jittieħdu passi importanti biex tiġi żgurata responsabbiltà u integrità oġġla għall-ġudikatura.

Il-ġudikatura evolviet mill-2007. Hemm haġna sinjali li mħallfin u prosekuturi kisbu iktar kunfidenza professjonali. Għall-biċċa l-kbira, professjonisti jaderixxu mal-kunċett ta' riforma ġudizzjarja u jirrikonoxxu l-benefiċċji tagħha. L-impenn għar-riforma ta' maġistrati individwali, assoċjazzjonijiet professjonali u soċjetà ċivili żdied b'mod konsiderevoli matul l-aħħar snin. Hemm eżempji konkreti ta' Prattika professjonali tajba li ħaqqhom jiġu magħżula bħala Prattika tajba x'imkien ieħor.

Il-ġbir ta' dawn il-passi biex jittieħdu l-benefiċċji sħaħ se jeħtieġ sforzi aktar b'saħħithom mill-ġudikatura, l-eżekuttiv u l-klassi politika bl-istess mod. Il-progress ewlieni s'issa kien leġislattiv, u b'biċċiet ewlenin ta' leġislazzjoni li ġew adottati biss riċentement jew għadhom ma daħlux fis-seħħ, u oħrajn li għadhom pendent fil-Parlament, se tinħtieġ strateġija determinata għar-riformi biex jilhq u l-potenzjal tagħhom u jmessu bidla fuq il-post. Ġurisprudenza inkonsistenti, diffikultajiet bl-infurzar u proċessi ġudizzjarji ineffiċjenti jibqgħu problemi mifruxin.¹² Ir-rispons tal-ġudikatura għall-isfidi għall-integrità u r-responsabbiltà ma kienx suffiċjenti biex il-kunfidenza pubblika tinbena mill-ġdid.

Issa jeżistu l-għodod għat-tmexxija ġudizzjarja u tal-eżekuttiv għal konsolidazzjoni tar-riforma. Biex din tinkiseb, se jkun meħtieġ sforz aktar konsistenti u fowkus ta' tmexxija aħjar fi ħdan l-SCM, kif ukoll livell ġdid ta' koperazzjoni bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura, bl-appoġġ tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili. Il-Gvern u l-politikanti jridu jagħtu eżempju ċar: kwalunkwe pressjoni fuq il-qrati toħloq nuqqas ta' fiduċja bejn il-fergħat tal-gvern. Jekk l-SCM jista' joffri tmexxija fil-kawża tar-riforma, u jirċievi l-appoġġ tal-eżekuttiv biex jimplementa l-bidla, jideriġi benefiċċji f'oqsma bħall-organizzazzjoni ta' qrati u d-distribuzzjoni tal-ammont tax-xogħol, dan jista' jinħass relativament malajr. Ir-riżultati ta' żewġ proġetti tal-Bank Dinji li għadhom għadejjin se jipprovdu strumenti importanti u rakkomandazzjonijiet tal-politika għall-passi li jmissu.¹³

Il-qafas leġislattiv

¹² Statistika tal-QEDB turi li r-Rumanija għandha t-tieni l-ogħla numru ta' sentenzi tal-QEDB fost kwalunkwe Stat Membru tal-UE li għandu twettiq pendent. Għadd kbir ta' dawn is-sentenzi jikkonċernaw diffikultajiet bl-infurzar ċivili, it-tul eċċessiv ta' proċedimenti ċivili u n-nuqqas ta' rimedju effettiv u investigazzjonijiet kriminali ineffettivi. (Il-Kunsill tal-Ewropa: Is-Supervizzjoni tat-Twettiq ta' Sentenzi u Deċiżjonijiet tal-QEDB, ir-Rapport Annwali tal-2011 f': http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/execution/Source/Publications/CM_annreport2011_en.pdf)

¹³ Il-Bank Dinji attwalment qed iwettaq Analiżi Funzjonali tas-sistema ġudizzjarja Rumena ffinanzjata b'fondi tal-UE. It-tieni proġett għat-titjib tal-kapaċità għall-ġbir u l-ipproċessar ta' dejta ġudizzjarja u għall-istabbiliment ta' indikaturi ta' piż ta' xogħol ottimali mas-sistema ġudizzjarja minn konsulenti ffinanzjat minn self tal-Bank Dinji.

Mill-adeżżjoni, ir-Rumanija segwit aġenda leġislattiva ambizzjuża. Din inkludiet Kodiċijiet ġodda Ċivili u Kriminali u l-kodiċijiet akkumpanjanti proċedurali, bl-għan espliċitu ta' modernizzazzjoni tal-proċess ġudizzjarju. Intużat esperjenza internazzjonali fl-appoġġ ta' dawn l-isforzi. L-adozzjoni tal-kodiċijiet fl-2009 u fl-2010 rrappreżentat riżultat ewlieni mill-parti tal-Gvern, il-Parlament u l-ġudikatura, anke jekk il-proċess ta' implimentazzjoni kien twil. S'issa, il-Kodiċi Ċivili l-ġdida biss daħlet fis-seħħ. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili se tidħol fis-seħħ din il-ħarifa u l-Kodiċijiet ġodda Kriminali u ta' Proċedura Kriminali attwalment huma maħsuba li jidħlu fis-seħħ is-sena d-dieħla. Għalkemm kien hemm tħassib dwar jekk is-sistemi humiex implimentati b'mod li l-bidliet jiġu implimentati b'mod effettiv, u l-miżuri għat-tnejn għall-implimentazzjoni se jinħtieġu li jiġu intensifikati, dawn il-Kodiċijiet jirrappreżentaw tentattiv ewlieni għal modernizzazzjoni u jekk implementati b'mod xieraq, jistgħu jsarf u fbenefiċċji konsiderevoli għall-effiċjenza, it-trasparenza u l-konsistenza tal-proċess ġudizzjarju.

B'mod parallel, il-Parlament għadda wkoll numru ta' miżuri leġislattivi oħrajn importanti. Il-“Liġi dwar ir-Riformi Żgħar” li daħlet fis-seħħ fl-2010 ġabet titjib konkret għall-konsistenza u l-effiċjenza tal-proċess ġudizzjarju. Ġiet emendata wkoll leġislazzjoni għat-tisħiħ tar-responsabbiltà tal-ġudikatura u għar-riforma ta' ħatriet għall-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja Miżuri bħal dawn jipprovdu l-opportunità li jkun indirizzat it-tħassib pubbliku dwar l-oġġettività ta' ħatriet ġudizzjarji u l-proċess dixxiplinarju fil-ġudikatura: se tkun meħtieġa sekwenza ta' eżempji tajbin biex jinbidel il-wirt negattiv tal-passat.

Il-Konsistenza tal-Proċess Ġudizzjarju

Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja għandha r-responsabbiltà primarja għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza. Ittieħdu għadd ta' passi importanti mill-2007. Il-Liġi dwar ir-Riformi Żgħar emendat l-appell fl-interess tal-proċedura tal-liġi, bil-għan li tissaħħaħ l-effiċjenza tagħha. Il-kodiċijiet ġodda ta' proċedura jintroduċu mekkaniżmu preliminari ta' deċiżjoni bħala strument ġdid għal unifikazzjoni legali, kif ukoll għar-riforma ta' arranġamenti ġudizzjarji biex tgħin l-unifikazzjoni.¹⁴ Il-Qorti Ġenerali ħadet l-inizjattiva wkoll li tagħmel diskussjonijiet strutturati fuq kwistjonijiet ta' ġurisprudenza ma' qrati tal-appell u żviluppat linji gwida ta' sentenzjar għal ċerti reati ta' korruzzjoni. In-nuqqas ta' rispett għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali f'appelli fl-interess tal-liġi, kif ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, issa saru raġunijiet potenzjali għal miżuri dixxiplinari.¹⁵

Madankollu, dawn il-mekkaniżmi għadhom ma għelbux l-inkonsistenza li hija debbulizza ewlenija tas-sistema ġudizzjarja Rumena.¹⁶ Parti mill-problema tidher li hi f'għarfien insuffiċjenti tal-importanza ta' unifikazzjoni legali fost il-maġistratura, forsi marbuta ma' interpretazzjoni estrema ta' indipendenza. Il-prinċipju tal-“istess piena għall-istess reat”, u l-irwol biex titnaqqas il-kriminallità, mhux qed jiġi apprezzat b'mod sħiħ. Lanqas ir-rilevanza għar-responsabbiltà u l-integrità ta' maġistrati. Dan jista' jgħin biex jispjega għalfejn analiżi

¹⁴ L-għan tal-proċedura ġdida għal deċiżjoni preliminari kien li jintroduċi proċedura iktar proattiva mill-appell attwali fl-interess tal-liġi (ara l-paġni 6 – 7 tar-Rapport Tekniku).

¹⁵ Nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-appelli tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja fl-interess tal-liġi jistgħu jkun l-oġġett ta' investigazzjoni dixxiplinari u ta' sanzjoni wara emendi fid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet ġudizzjarji fuq ir-responsabbiltà dixxiplinari ta' maġistrati adottati fl-aħħar tal-2011 u promulgati fil-bidu tal-2012.

¹⁶ Ġurisprudenza inkonsistenti hija rapurtata frekwentement fir-Rumanija u kkonfermata minn partijiet interessati bħal investituri barranin, uffiċċji legali u assoċjazzjonijiet professjonali ta' maġistrati. Deċiżjonijiet inkonsistenti ġew identifikati minn esperti b'mod partikolari f'każijiet sensitivi li jinvolvu imputati ta' livelli għoli u każijiet ta' akkwist pubbliku.

turi li miżuri għall-unifikazzjoni legali mhumiex użati b' mod tajjeb minn imħallfin.¹⁷ Fl-istess ħin, konsistenza tal-ġurisprudenza għadha ma saritx prijorità mill-SCM u mill-presidenti ta' qrati. Anke fejn imħallfin iridu jtejbu l-konsistenza, m'għandhomx l-għodod meħtieġa biex ikollhom aċċess għall-ġurisprudenza ta' qrati oħrajn. Għadha mhijiex fis-seħħ pubblikazzjoni elettronika sħiħa ta' deċiżjonijiet tal-qrati, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja Qrati ta' appell jipubblikaw xi deċiżjonijiet, imma ma japplikawx kriterji uniformi għal dan il-għan. Il-bażi tad-dejta ġudizzjarja ewlenija (ECRIS) hija limitata fl-aċċess għal deċiżjonijiet ta' qrati tal-istess limitazzjoni tal-qorti tal-appell; imħallfin ma jistgħux iqabblu deċiżjonijiet ta' qrati mal-pajjiż kollu.¹⁸ Sistema alternattiva, Jurindex, mhux qed tiġi aġġornata.

Esperti jirakkomandaw enfasi iktar b'saħħitha għat-tressiq ta' appelli fl-interess tal-liġi u biex jinkoraġġixxu prattika konsistenti minn imħallfin mal-pubblikazzjoni sħiħa ta' deċiżjonijiet motivati tal-qrati, diskussjonijiet regolari ta' każijiet fil-qrati kollha u promozzjoni attiva ta' konsistenza legali mill-presidenti tal-qrati u l-SCM. It-tmexxija ġudizzjarja għandha tagħti iktar importanza fuq konsistenza legali f'promozzjonijiet u ħatriet, tagħti l-Ispettorat Ġudizzjarju rwol fl-analiżi ta' ġurisprudenza inkonsistenti, testendi linji gwida ta' sentenzjar u tuża l-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura biex il-konsistenza ssir it-tema ewlenija ta' taħriġ inizjali u kontinwu.

Riforma ulterjuri tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja għandha tgħin għall-konsistenza. Sar progress importanti f'dan ir-rigward permezz tal-Liġi dwar ir-Riformi Żgħar u permezz ta' Kodiċijiet ġodda ta' Proċedura. Ir-riformi li huma r-riżultat tal-Kodiċijiet ġodda ta' Proċedura jridu jiddaħħlu b'tali mod li jiżguraw li l-Qorti Ġenerali ma tkunx mgħarrqa b'applikazzjonijiet abużivi u li jiġu ammessi dawk il-każijiet biss li jqajmu mistoqsijiet legali importanti. Dan jeħtieġ filtru xieraq għal tieni appelli u għal talbiet għal deċiżjonijiet preliminari. Jista' jkun hemm kompiti oħrajn li jistgħu jiġu trasferiti għal qrati oħrajn mill-Qorti Ġenerali, bħall-kompetenza biex jinstemgħu każijiet fil-prim'istanza u biex jingħataw deċiżjonijiet f'numru ta' kwistjonijiet ġudizzjarji interni.¹⁹ Dan għandu jippermetti lill-Qorti Ġenerali biex tiffoka fuq l-irwol ewlieni tagħha ta' unifikazzjoni legali, bħalma huwa l-każ f'ħafna Stati Membri tal-UE. Il-Qorti Ġenerali teħtieġ ukoll li jkollha l-bini u l-persunal neċessarji għall-kompiti tagħha.²⁰

L-organizzazzjoni u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja

L-amministrazzjoni pubblika fir-Rumanija tkejjlet mill-Bank Dinji u nstabet li kienet l-inqas waħda effettiva fl-UE.²¹ Is-sistema ġudizzjarja tbatu mill-istess dgħufijiet. Minkejja xi titjib, il-ħarsa ġenerali hija waħda ta' nuqqas ta' dinamiżmu fl-indirizzar ta' problemi li għandhom impatt reali fuq l-abbiltà tas-sistema ġudizzjarja li tqassam il-ġustizzja, u li tagħmel hekk b'ħeffa u b' mod konsistenti. Dawn il-problemi jinkludu limitazzjonijiet ta' kapaċità u

¹⁷ Dan jinkludi nuqqas ta' rispett għall-ġurisprudenza ta' qrati superjuri u l-użu limitat tal-appell fl-interess tal-proċedura tal-liġi. In-numru ta' appelli fl-interess tal-liġi naqas fl-2011 meta mqabbel mas-snin 2007-2009.

¹⁸ bl-eċċezzjoni ta' imħallfin mal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja li għandhom aċċess għas-sentenzi kollha inklużi fil-bażi tad-dejta.

¹⁹ Il-Qorti Ġenerali tisma varjetà ta' każijiet fil-prim'istanza, fejn ir-reat isir minn ċerti kwalitajiet ta' imputati. Hija tagħti deċiżjonijiet ukoll fuq kwistjonijiet ġudizzjarji interni bħat-talbiet ta' partijiet biex jittrasferixxu każijiet lil qrati oħrajn jew ta' kunflitti ta' ġurisprudenza bejn qrati.

²⁰ Raġunijiet loġistiċi ngħataw biex jiġi spjegat il-fatt li d-dispożizzjonijiet tad-deċiżjoni preliminari fil-liġi ċivili fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili daħlu fis-seħħ erba' xhur wara l-bqija tal-Kodiċi.

²¹ Indikaturi ta' Tmexxija tal-Bank Dinji tal-2011

pressjonijiet ta' piż ta' xogħol fuq imħallfin u prosekuturi, li jirriżultaw fil-biċċa l-kbira minn żbilanċji fir-riżorsi u varjazzjonijiet kbar fil-piż ta' xogħol bejn postijiet ġeografiċi u livelli ġurisdizzjonali. Problemi oħrajn jinkludu numru għoli ta' postijiet vakanti, il-provvista ta' taħriġ mad-dħul fil-porfessjoni, u nuqqasijiet fl-istruttura u l-organizzazzjoni interna ta' qrati u uffiċċji ta' prosekuturi.

Saru sforzi biex dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati. Dawn inkludew kompetizzjonijiet perjodiċi ta' reklutaġġ, is-simplifikazzjoni ta' xi proceduri²² u deċiżjonijiet għat-tisħiħ tal-kapaċità inizjali ta' taħriġ fl-Istitut Nazzjoanli tal-Maġistrati. Fl-2011, ittieħed pass żgħir lejn ir-razzjonalizzazzjoni bl-għeluq ta' disa' qrati żejda u tliet qrati b'attività minima, kif ukoll l-uffiċċji tal-prosekuturi assoċjati magħhom.

Madankollu, l-impatt ta' dawn il-miżuri jibqa' limitat. Indikaturi ewlenin ta' effiċjenza bħad-differenza fl-ammont tax-xogħol u r-rati ta' postijiet vakanti ma tjejbux mill-2007.²³ Pressjonijiet ta' riżorsi u kunflitt bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura fl-2009 naqqsu r-ritmu ta' riformi u wasslu għal għadd kbir ta' irtirar fi żmien meta n-numru ta' każijiet kien qed jiżdied b'mod konsistenti.

Is-sistema ġudizzjarja m'għandhiex u għadha ma żviluppatx indikaturi effettivi ta' prestazzjoni biex jiġu infurmati dwar ħtiġijiet ta' riżorsi u allokkazzjonijiet ta' riżorsi fi ħdan is-sistema ġudizzjarja. Ir-Rumanija riċentement rikonossiet dawn id-dgħufijiet u issa se jiġu indirizzati minn proġett finanzjat mill-Bank Dinji li se jħejji u jmexxi indikaturi riveduti ta' każijiet u ammont ta' xogħol sal-bidu tal-2013.

Koperazzjoni fuq politika ta' riżorsi umani għall-ġudikatura bejn l-SCM, l-eżekuttiv u t-tmexxija tal-prosekuzzjoni rat diffikultajiet kontinwi.²⁴ Il-leġislazzjoni biex tintroduċi l-funzjoni ta' manijers tal-qrati u tiddefinixxi mill-ġdid ir-rwol ta' skrivani tal-qrati għadha pendenti, miżura b'potenzjal konsiderevoli li tnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-maġistrati. Riċentement biss sar titjib fil-kapaċità tal-Istitut Nazzjonal tal-Maġistratura u l-introduzzjoni ta' standards ekwi ta' reklutaġġ għal kategoriji differenti ta' kandidati, tard wisq biex iħejju b'mod adegwat għall-implimentazzjoni tal-kodiċijiet ġodda. S'issa, għadu ma ntlahhaqx ftehim fuq pjan konġunt ta' implimentazzjoni għall-kodiċijiet ġodda.²⁵

Pressjonijiet fuq finanzi pubbliċi kienu mistennija li jwasslu għal titjib fl-effiċjenza. Imma dan l-effett għad irid jidher. Raġunijiet għal dan jinkludu n-nuqqas ta' direzzjoni fl-immaniġġjar tal-ġudikatura fl-SCM u nuqqas ta' ftehim bejn il-ġudikatura u l-gvern. L-SCM ma kienx kapaċi li jfassal strateġija ta' riżorsi umani għal bidla fl-istrutturi u s-sistemi, u minflok iffoka

²² Il-Liġi dwar ir-Riformi Żgħar notevolment ippermettiet lill-prosekuzzjoni tieħu il-motivazzjonijiet tal-pulizija biex tiddeċiedi li ma tiftaħx investigazzjoni f'ċerti każijiet sempliċi, tat lill-prosekuzzjoni aktar possibbiltajiet biex ma ssegwix każijiet fejn evidenza eżistenti ma teħtieġx aktar investigazzjoni, u rimedji legali mnaqqsa għal każijiet żgħar.

²³ Ir-Rumanija regolarment tingħata sentenzi mill-QEDB għal ksur ta' drittijiet proċedurali minħabba dewmien eċċessiv ġudizzjarju. Dewmien fil-pubblikazzjoni ta' motivazzjonijiet tal-qorti '1 fuq mil-limitu legali ta' 30 jum huwa frekwenti. Iż-żamma ta' dejta affidabbli ta' każijiet s'issa mhijiex disponibbli u għandha tingħata minn studju tal-Bank Dinji fil-bidu tal-2013.

²⁴ Responsabbiltajiet fl-immaniġġjar tar-riżorsi umani tal-ġudikatura huma kondiviżi: il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għandu responsabbiltà ta' manijers għal reklutaġġ, progress fil-karriera, taħriġ u azzjoni dixxiplinari. Il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu responsabbiltà baġitarja u inizjattiva legali. Il-Prosekutur Ġenerali huwa responsabbli għar-riżultati tal-prosekuzzjoni, imma l-kwistjonijiet kollha li jkollhom impatt fuq il-karriera ta' prosekutur huma deċiżi mill-Kunsill.

²⁵ Kapaċitajiet attwali ta' reklutaġġ ma jistgħux jagħtu n-numru ta' rekłuti ġodda fil-ħin u ta' kwalità adegwata u l-livell ta' tħejjija kif stmat minn studju ta' impatt imwettaq għall-kodiċijiet il-ġodda.

fuq it-talba għal iktar impjegati u riżorsi. Il-Parlament ikkontribwixxa għal din l-inerzja, bi tnaqqis ta' proposti għar-ristrutturar tas-sistema tal-qrati.²⁶ Il-leġiżlazzjoni l-ġdida ġiet kritikata billi naqqset milli tikkunsidra r-riskju li ttiprovoka sensiela ta' każijiet ġodda quddiem il-qrati.

Prattika ġudizzjarja

Prattika ġudizzjarja għadha turi dgħufijiet sinifikanti, murija fil-valutazzjoni tal-prattika ġudizzjarja minn qrati f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Xi ftit minn dawn id-dgħufijiet huma strutturali: Is-sistema legali Rumena għandha karatteristiċi li jagħmluha vulnerabbli għal abbuż, bħall-fatt li perjodi ta' preskrizzjoni ma jispiċċawx jew jiġu sospiżi fil-mument tal-akkuża. Dan huwa ta' spiss iggravat minn immaniġġjar laxk ta' proċessi tal-qrati li jidher bilanċjat iżżejjed favur konvenuti.²⁷ Esperti identifikaw dawn id-dgħufijiet fl-immaniġġjar ta' proċessi quddiem qrati kriminali bħala partikolarment sinifikanti meta mqabbla ma' prattika fi Stati Membri oħrajn. Il-ġudikatura sabitha diffiċli wkoll biex tasal għall-konklużjoni ta' każijiet finanzjarji kumplessi fil-qrati. Dan jirrelata b'mod partikolari ma' każijiet li jinvolvu akkwist pubbliku – każijiet ta' akkwist pubbliku huma eċċezzjoni għax-xejra ġenerali pożittiva rigward każijiet ta' koruzzjoni ta' livell għoli fil-qrati (ara hawn taħt). Każijiet bħal dawn jirrikjedu ħiliet partikolari f'prosekuturi u imħallfin, imkattru permezz ta' taħriġ, speċjalizzazzjoni u għarfien estern. Barra minn hekk, għalkemm imbassar minn qabel mil-liġi, il-baġit għall-periti ġudizzjarji fil-prattika rarament ikun disponibbli, dan iwassal biex bosta imputati iħallsu għal kompetenza esperta mitluba mill-qorti, minbarra li jħallsu għall-kompetenza esperta tagħhom stess.²⁸ Dan iqajjem kwistjonijiet dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-esperti indipendenti maħtura mill-qrati li suppost ikunu indipendenti.

Eżempju ta' kif tmexxija proattiva tista' tagħmel differenza ntwera fil-bidla fl-approċċ tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni ul-Ġustizzja mill-ħatra ta' maniġment ġdid fl-2010.²⁹ Issa tista' toffri l-aħjar prattika lil qrati oħrajn f'oqsma bħal immaniġġjar ta' każijiet, billi jiġi kkunsidrat l-ilħuq ta' perjodi ta' preskrizzjoni u li jintbghat messaġġ li l-qorti se tirreżisti tentattivi mhux ġenwini li jservu ta' dewmien għal proċedimenti. Iż-żamma u l-estensjoni ta' dawn il-kisbiet se tkun importanti għal progress fir-riforma ġudizzjarja b'mod ġenerali.

Ir-responsabbiltà

Fi tmiem l-2011, ir-Rumanija saħħet il-bażi legali għal responsabbiltà ġudizzjarja. Il-Parlament għadda emendi li jintroduċu reati dixxiplinari ġodda u t-tisħiħ ta' sanzjonijiet eżistenti; huma estendew l-irwol tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Prosekutur Ġenerali matul proċedimenti dixxiplinari u żiedu l-indipendenza tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja.³⁰ L-ispettorat

²⁶ Dan jikkonċerna l-aktar il-proposti tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Prosekutur Ġenerali biex jingħalqu qrati żgħar u ufficiji ta' prosekuturi għad-distribuzzjoni mill-ġdid ta' karigi fiż-żoni bl-ikbar bżonn.

²⁷ Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fuq dawn il-punti tista' tinstab fil-paġni 13-14 tal-Aġġornament Tekniku SEC(2011)968 ppubblikat fl-20 ta' Lulju 2011. Jinkludi referenzi ta' klemenza fl-indirizzar ta' talbiet ta' posponiment minn imputati, dgħufijiet fl-amministrazzjoni ta' evidenza u fl-immaniġġjar ta' irregolaritajiet proċedurali, u kwistjonijiet organizzattivi.

²⁸ Aġġornament Tekniku SEC(2011)968 tal-20 ta' Lulju 2011, paġna 14. Mill-aħħar rapport annwali tal-Kummissjoni, il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja rċeviet baġit speċjali għal periti ġudizzjarji.

²⁹ Eżempji ta' innovazzjonijiet importanti jinkludu l-introduzzjoni ta' linji gwida għal sentenzjar għal reati ta' korruzzjoni u passi għat-tiġib tar-rapidità ta' proċessi quddiem il-qorti kriminali ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Madankollu, l-aħjar prattiki applikati f'dawn l-oqsma diskreti għadhom ma ġewx applikati.

³⁰ Dawn l-emendi legali se jippermettu lill-Ministeru tal-Ġustizzja u lill-Prosekutur Ġenerali biex jibdedu azzjoni dixxiplinari, permezz ta' Ispezzjoni Ġudizzjarja. L-Ispezzjoni Ġudizzjarja issa għandha mandat

ġudizzjarju issa għandu l-opportunità li jiffoka mill-ġdid fuq investigazzjonijiet dixxiplinari iktar mmirati, b'ħeffa u proattiv, u li jiżviluppa kapaċità aktar b'saħħitha ta' konsulenza fi ħdan l-ispettorat għal nuqqasijiet ta' organizzazzjoni, proċeduri u prattika ġudizzjarja. L-SCM għandu juża aktar dan il-potenzjal billi jsaqsi lill-ispettorat biex jagħmel monitoraġġ sistematiku ta' aspetti ewlenin ta' prattika ġudizzjarja, unifikazzjoni legali u l-adozzjoni mill-presidenti tal-qrati tal-aħjar prattika fil-maniġment.³¹ Se jkun importanti wkoll li jintużaw id-drittijiet il-ġodda b'rispett sħiħ għall-indipendenza ta' maġistrati, biex jitwarrab it-tħassib tal-ġudikatura li l-liġi l-ġdida tista' tiġi abbużata.

L-impatt l-aktar importanti tal-liġi se jiġi jekk tidher li qed tintuża biex tippovdi sanzjonijiet ċari, konsistenti u ta' dissważjoni. Ir-reputazzjoni tal-ġudikatura, u l-abbiltà tal-SCM biex jipproteġiha, ġiet danegġjata minn serje ta' każijiet ta' imġiba ħażina fejn ir-rispons tat-tmexxija ġudizzjarja deher dgħajef u timidu.³² F'ħafna Stati Membri, ikun hemm stennija li dawk f'pożizzjonijiet ta' awtorità pubblika jaċċettaw li għandhom jirtiraw mid-doveri tagħhom jekk meħtieġ, u jħarsu r-reputazzjoni tal-korp pubbliku kkonċernat. Il-fatt li imħallfin taħt kritika pubblika severa komplew iservu fil-qrati waqt li kienu għadejjin investigazzjonijiet kien ta' dannu għar-reputazzjoni tal-qrati. Għandhom jiġu stabbiliti regoli ċari, bħas-sospensjoni immedjata ta' maġistrati taħt investigazzjoni għal kriminalità serja bħal koruzzjoni ta' livell għoli, sabiex iħarsu kemm il-maġistrat individwali u l-ġudikatura bħala ħaġa sħiħa.³³ Dawn għandhom jiġu inklużi fl-istrateġija ta' integrità tal-SCM.

Ir-Rumanija tejbet ukoll il-proċeduri ta' ħatriet għall-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja sa tmiem l-2011 bl-adozzjoni ta' proċeduri aktar trasparenti u oġġettivi li jippermettu valutazzjoni indipendenti aktar komprensiva u oġġettiva tal-mertu ta' kandidati. Dan jirrappreżenta pass importanti fit-titjib tar-responsabbiltà tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

II.2 Il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni 2007-2012

Il-Punt ta' Riferiment 2: L-istabbiliment, kif maħsub, ta' aġenzija tal-integrità b'responsabbiltajiet għall-verifika ta' assi, ta' inkompatibilitajiet u konflitti potenzjali ta' interess, u għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet mandatarji fuq il-bażi li għandhom jittieħdu sanzjonijiet dissważivi.

Il-Punt ta' Riferiment 3: Tkomplija tal-progress li diġà sar, kontinwazzjoni ta' twettiq ta' investigazzjonijiet professjonali, mhux partiġġani f'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

Il-Punt ta' Riferiment 4: It-teħid ta' aktar miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali.

aktar b'saħħitha biex tanalizza prattika ġudizzjarja u tista' tappella wkoll sanzjonijiet dixxiplinari imposti mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

³¹ L-Ispettorat Ġudizzjarju ta l-ewwel tliet rapporti f'dan is-sens fl-aħħar tal-2011 u fil-bidu tal-2012: żewġ rapporti tematiċi fuq dewmien importanti ta' każijiet u fuq ħeffa ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli u rapport fuq prattika ta' maniġġjar fil-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

³² Il-Kummissjoni rrapportat fuq każijiet bħal dawn fi Frar tal-2012 (COM(2012)56 finali, paġna 3)

³³ Il-Kummissjoni rrapportat fi Frar tal-2012 fuq każijiet ta' imħallfin fil-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja li jkomplu jservu fil-qrati waqt li jkunu taħt investigazzjoni għal korruzzjoni ta' livell għoli. Imħallfin oħrajn ħarbu minn responsabbiltà dixxiplinari permezz ta' irtirar (COM(2012)56 finali, paġna 3). Madankollu, ir-rispons riċenti tal-SCM għat-tneġġja ta' investigazzjoni f'wieħed mill-membri tiegħu stess tal-SCM wera approċċ iktar proattiv li jindirizza theddid għar-reputazzjoni tal-ġudikatura.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-integrità hija sfida diffiċli li teħtieġ l-ingaġġ tal-poteri kollha tal-istat, u teħtieġ li titmexxa minn fuq s'isfel, sabiex tinxtered mas-soċjetà kollha. Punt importanti ta' tluq huwa l-abbiltà tas-sistema ġudizzjarja Rumena u tal-amministrazzjoni Rumena biex japplikaw l-istat tad-dritt. Mill-adeżjoni, ir-Rumanija għamlet progress importanti fil-prosekuzzjoni u l-proċess quddiem il-qorti kriminali ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Id-Direttorat Nazzjonali Antikorruzzjoni (DNA) wera li kien prosekutur enerġetiku u imparzjali ta' dawn il-każijiet. Ir-Rumanija kienet kapaċi wkoll li tistabbilixxi sistema ta' detenzjoni u għoti ta' sanzjonijiet f'kunflitti ta' interess, inkompatibilitajiet u assi mhux ġustifikati. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Integrità (ANI) hija istituzzjoni mħejjija biex issegwi l-mandat tagħha b'konvinzjoni. Azzjoni riċenti għat-tħaffif ta' proċessi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli fil-Qorti Ġenerali bdiet tirrimedja waħda mill-problemi ewlenin li tillimita azzjoni dissważiva kontra l-korruzzjoni. Ġiet adottata leġislazzjoni aktar b'saħħitha għall-promozzjoni tal-integrità fi ħdan il-ġudikatura nnifisha, u liġi li tintroduċi konfiska estiża ta' assi kriminali. L-istrateġija ġdida nazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni toffri fowkus importanti għal imbutturata tax-xogħol ta' kontra l-korruzzjoni lejn l-aħjar prattika: issa teħtieġ li tiġi implimentata u mfassla u tingħata żmien suffiċjenti biex turi l-effikaċja tagħha. Dawn huma passi sinifikanti lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-MKV. Madankollu, fid-dawl ta' avvenimenti attwali, iż-żamma tal-progress li sar, iż-żamma tal-momentum u l-iżgurar ta' stabbiltà istituzzjonali huma l-ewwel elementi importanti biex tintwera s-sostenibbiltà.

Dawn il-passi saru f'klima fejn il-maġġoranza vasta ta' Rumeni jaraw il-korruzzjoni bħala problema kbira.³⁴ Għadhom ma kkonvinċewx lir-Rumeni li s-sitwazzjoni qed titjib; b'haġna li jikkunsidraw li s-sitwazzjoni marret għall-aġar.³⁵ It-tħassib pubbliku jitneħħa biss meta jintlahaħqu sentenzi oġġettivi u finali fil-proċessi l-aktar importanti ta' quddiem il-qorti kriminali ta' korruzzjoni ta' livell għoli u fejn l-aħjar prattika fit-twettiq ta' proċessi quddiem il-qorti kriminali ssir in-norma. Ġew segwiti ftit wisq każijiet ta' konflitt ta' interess, b'mod partikolari fl-akkwist pubbliku u anke meta segwiti fil-qrati, sanzjonijiet f'dan il-qasam tal-liġi ma kinux dissważivi. Għadu ma nkisibx rekord konvinċenti ta' assi mhux ġustifikati konfiskati. Il-bdil tal-istrateġija ġdida nazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni f'għodda biex tifformalizza x-xogħol ta' kontra l-korruzzjoni mal-istituzzjonijiet kollha jkun test ta' implimentazzjoni.

Barra minn hekk, minkejja l-kisbiet sinifikanti tagħhom, l-awtorità ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni inxteħtet f'dubju. Il-bażi legali għax-xogħol tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA), il-prosekuzzjoni u l-Aġenzija ta' Integrità Nazzjonali (ANI) ġiet sfidata b'mod ripetut mill-2007; xi ftit minn dawn l-isfidi għadhom pendent. Il-ħatriet li ġejjin għall-postijiet vakanti ta' Prosekutur Ġenerali, ta' Kap Prosekutur tad-DNA u ħatriet ta' livell għoli fi ħdan il-prosekuzzjoni huma opportunità biex juru li t-tmexxija politika u ġudizzjarja tappoġġja b'mod sħiħ insewiment b'saħħtu u indipendenti ta' korruzzjoni. Dan jitlob għal proċess trasparenti u oġġettiv ta' ħatriet fi ħdan il-qafas eżistenti legali, permezz ta' kompetizzjoni miftuħa bl-użu ta' kriterji ċari, li timmira għat-tmexxija l-aktar b'saħħitha possibbli u bil-għan ta' kontinwità fil-funzjonament ta' dawn l-istituzzjonijiet. It-twettiq

³⁴ Skont Special Eurobarometer ta' Frar tal-2012, 96% tar-Rumeni, persentaġġ kemxejn ogħla milli fl-2007 kkonvinċew il-korruzzjoni bħala problema serja (Special Eurobarometer 374 f': http://ec.europa.eu/public_opinion/index_en.htm) Mill-2007, ir-Rumanija tilfet 6 postijiet fl-indiċi ta' perċezzjoni ta' korruzzjoni TI bi tnaqqis fil-klassifikazzjoni tal-perċezzjoni. Il-klassifikazzjoni Freedom House baqgħet l-istess.

³⁵ Skont Ewrobarometru ta' Frar tal-2012, 67% tar-Rumeni jikkunsidraw li l-korruzzjoni żdiedet fl-aħħar tliet snin.

effiċjenti ta' numru ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli li laħqu l-fażi finali fil-qorti se jittestjaw l-abbiltà tal-ġudikatura Rumena biex tkompli tafferma l-indipendenza tagħha u tapplika l-istat tad-dritt.

Korruzzjoni ta' Livell Għoli

Il-prestazzjoni tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA) fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda mill-avvanzi l-aktar sinifikanti li saru fir-Rumanija mill-adeżjoni. Id-DNA kien kapaċi li jagħti numru li jżied b'mod kostanti ta' akkużi sena wara sena, b'investigazzjonijiet imwettqa malajr u b'mod proattiv. Mill-2007, każijiet fl-ogħla livelli tal-ħajja politika u fi ħdan il-ġudikatura tqajmu mid-DNA kontra persuni mill-partiti politiċi ewlenin kollha.³⁶

Il-prestazzjoni tad-DNA wasslet għal żieda konsegwenti ta' deċiżjonijiet ta' qrati u kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, b'mod partikolari mill-2010.³⁷ Madankollu, l-effiċjenza tal-proċedimenti ta' qrati u l-konsistenza u d-dissważività tas-sentenzi tal-qrati f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli ma qablux mal-progress tal-prosekuzzjoni. Mill-2007, każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli batew minn dewmien sinifikanti fil-qrati. Kawżi nkludew dgħufijiet fil-leġiżlazzjoni u nuqqasijiet fil-kapaċità. In-nuqqasijiet fil-prattika ġudizzjarja dettaljati fis-sezzjoni preċedenti ta' dan ir-rapport kienu pjuttost evidenti f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, bħal spazju żejjed mogħti minn imħallfin fit-tentattivi tal-imputati biex idewmu u jiskoraġġixxu l-proċedimenti tal-qrati – inkluż fejn każijiet jilhq u t-tmiem tal-perjodi ta' preskrizzjoni.³⁸

Tneħħew xi kawżi ta' dewmien il-Liġi dwar ir-Riformi Żgħar u l-emendi għal-Liġi dwar il-Qorti Kostituzzjonali daħħlu bidliet importanti biex iħaffu proċessi quddiem il-qorti kriminali bit-tneħħija tal-effetti sospensivi ta' eċċezzjonijiet ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità u l-illegalità mqajjma mill-imputati. Digriet interpretattiv tal-Qorti Ġenerali “waqqaf il-ħin” għal perjodi li matulhom proċess kriminali quddiem il-qorti kien preċedentement sospiż bi stennija għal deċiżjoni fuq eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità.³⁹

Madankollu, numru ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli ntilfu jew intilfu parzjalment minħabba preskrizzjoni fil-bidu tal-2011.⁴⁰ F'nofs l-2011, sar ċar li n-numru ta' każijiet importanti ta' korruzzjoni ta' livell għoli – każijiet li kienu mdewma għal snin minħabba raġunijiet varji – x'aktarx kienu se jilhq l-perjodi tagħhom ta' preskrizzjoni. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni⁴¹, it-tmexxija l-ġdida tal-Qorti Suprema tal-

³⁶ Id-DNA akkuża 167 każ kontra 415-il imputat fl-2007 u 233 każ kontra 1091 imputat fl-2011. Madwar 60% tal-investigazzjonijiet damu inqas minn 6 xhur. Mill-2007, id-DNA akkuża eks Prim Ministru, deputat Prim Ministru, u numru ta' eks ministri u Membri tal-Parlament, numru kbir ta' prefetti, sindki, kunsilliera tal-kontea u kapijiet ta' intrapriżi ta' proprjetà tal-Istat. Fl-2011, id-DNA indika żewġ Membri tal-Parlament u sindku b'ċertu influwenza tal-koalizzjoni tal-gvern li kien qed jiggverna u MP tal-oppożizzjoni ta' dak iż-żmien.

³⁷ Deċiżjonijiet mhux finali ntlahhqu kontra 199 imputat fl-2007 u kontra 879 imputat fl-2011; deċiżjonijiet finali ntlahhqu kontra 109 imputat fl-2007 u kontra 158 imputat fl-2011.

³⁸ Il-possibbiltà ta' preskrizzjoni fir-Rumanija ma tintemmx meta investigazzjonijiet jew proċedimenti tal-qrati jibdedu, bħal f'ħafna ġurisidizzjonijiet.

³⁹ Dan inkiseb bl-esklużjoni ta' perjodi ta' żmien matul liema proċess quddiem il-qorti kien sospiż bi stennija għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ta' eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kostituzzjonalità, mill-perjodu ta' żmien fil-kalkulazzjoni tal-preskrizzjoni.

⁴⁰ Ara r-Rapport Tekniku l-paġna 29.

⁴¹ Ir-rapport tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2011, COM(2011) 460 final, irrakkomanda li r-Rumanija “tieħu miżuri urġenti biex ittejjeb il-prattika ġudizzjarja u l-immanġġjar ta' każijiet u tħaffef każijiet

Kassazzjoni u l-Ġustizzja ppromwoviet l-aħjar Prattika permezz ta' maniġġjar aktar effiċjenti u rigorużi ta' proċessi quddiem il-qorti kriminali. Dawn il-miżuri wasslu għal deċiżjonijiet tal-prim istanza f'każijiet importanti fl-aħħar tal-2011, kif ukoll għall-ewwel kundanni finali ta' priġunerija minħabba korruzzjoni imħabbra kontra eks Prim Ministru, eks Ministru u Membru Attwali tal-Parlament.⁴²

Tħassib ulterjuri f'rapporti tal-Kummissjoni kien il-konsistenza u dissważività ta' sentenzi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.⁴³ Studju konġunt tal-ġudikatura u tal-Ministeru tal-Ġustizzja rikonoxxa din il-kwistjoni fl-2009 u żviluppa azzjoni korrettiva li waslet għal ċertu titjib. Fin-nuqqas ta' azzjoni mit-tmexxija ġudizzjarja, grupp ta' imħallfin mill-Qorti tal-Appell ta' Bucharest fassal linji gwidi ta' sentenzjar għat-titjib tal-konsistenza għal reati ta' korruzzjoni fl-2010. Dawn il-linji gwida iktar tard ispiraw il-maniġment il-ġdid tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja biex ifasslu u jadottaw il-linji gwida tagħhom stess ta' sentenzjar għal ċertu reati ta' korruzzjoni fl-2011.

Dawn l-eżempji juru li l-ġudikatura Rumena tista' tirreaġixxi għal nuqqasijiet oġġettivi b' mod pragmatiku. Il-linji gwida ta' sentenzjar ħolqu bażi, li jekk applikata u mwessgħa tkopri reati oħrajn, għal aktar konsistenza u prevedibbiltà f'sentenzjar ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Il-miżuri li tieħdu mill-Qorti Ġenerali rigward maniġġjar ta' każijiet u Prattika ġudizzjarja jirrappreżentaw rikonoxximent li l-qrati għandhom responsabbiltà li jaraw li qed tingħata ġustizzja, u li jmessu, jekk huma sostnuti, lejn serje ta' deċiżjonijiet finali f'każijiet li jinvolvu politikanti anzjani matul din is-sena. L-ewwel minn dawn id-deċiżjonijiet intlahhquet fix-xahar li għadda, bid-deċiżjoni finali ta' proċess quddiem il-qorti kriminali li jinvolvi eks Prim Ministru li uriet li l-Qorti Ġenerali bdiet tagħti deċiżjonijiet anke kontra l-imputati bl-oġhla kariga u politikament influwenti.

Madankollu, dawn il-każijiet tal-aħjar Prattika ma ġewx attivament integrati u hemm ftit evidenza li qed jiġu adottati fi qrati oħrajn. Minkejja t-titjib viżibbli tal-Qorti Ġenerali, fi qrati oħrajn każijiet oħrajn ta' korruzzjoni ta' livell għoli li jinvolvu dinjitarji lokali bħal prefetti, presidenti ta' kunsilli ta' kontej jew sindki, ikomplu jesperjenzaw dewmien u interruzzjonijiet li jwasslu għal ċertu tħassib. Huwa importanti li jiġi nnotat li każijiet li jinvolvu korruzzjoni u frodi f'akkwist pubbliku jaraw progress partikolarment bil-mod. Se jkun meħtieġ sforz biex jiġu valutati r-raġunijiet għal dan id-dewmien sinifikanti u għat-titjib tad-disponibbiltà ta' kompetenza esperta u għarfien speċifiku lil imħallfin.⁴⁴ Il-bieċa l-kbira ta' sentenzi f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli għadhom sospiżi. Ftit ħafna sentenzi finali ta' priġunerija ngħataw s'issa f'każijiet importanti li jinvolvu politikanti anzjani⁴⁵. Dan għandu implikazzjonijiet negattivi fuq id-dissważività tas-sistema.

importanti ta' livell għoli ta' korruzzjoni biex tevita li tilħaq il-limitu tal-perjodi tal-preskrizzjoni fil-każijiet kollha". L-istess rapport ikompli jirrakkomanda li r-Rumanija "tkompli r-riforma tal-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja sabiex issaħħaħ ir-rwol tal-kassazzjoni u żżid il-kapaċità tagħha biex tittratta ma' kawżi ta' korruzzjoni ta' livell għoli".

⁴² Ara r-Rapport Tekniku, il-paġna 25.

⁴³ Ara pereżempju l-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-paġna 15 tal-Aġġornament Tekniku SEC(2011)968 ppubblikat fl-20 ta' Ġunju 2011.

⁴⁴ Minn 43 akkuża rreġistrata mid-DNA fil-qrati mill-2006, intlahhqu biss żewġ deċiżjonijiet finali.

⁴⁵ Dejta mill-2007 turi li madwar 60% ta' sentenzi huma stabbiliti mill-qrati fil-minimu legali jew taħtu. Minkejja li s-sehem ta' sentenzi sospiżi għal priġunerija naqas minn 75% (2007-2009) għal 60% fl-2011, sentenzi sospiżi għadhom predominanti, partikolarment f'każijiet importanti. It-tliet eks Membri jew membri Attwali tal-Parlament li rċevew sentenzi finali fl-2011 kollha rċevew sentenzi sospiżi.

Ġlieda effettiva kontra korruzzjoni ta' livell għoli teħtieġ rispettt għal azzjoni ġudizzjarja u l-appoġġ sħiħ mill-klassi politika għal investigazzjonijiet mill-ġudikatura. L-adozzjoni ta' kodiċi etiku fl-2011 mill-partit li f' dak iż-żmien kien fil-gvern jista' jiġi kkunsidrat bħala pass sinifikanti. Bħala riżultat ta' dak il-kodiċi, l-istess partit eskluda kunsillier influwenti meta akkużat b'korruzzjoni ta' livell għoli.⁴⁶

Permezz tal-Kostituzzjoni Rumena, kif interpretata permezz tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali, approvazzjoni Parlamentari hi meħtieġa biex tawtorizza l-arrest u t-tiftix ta' parlamentari, u hi wkoll meħtieġa biex tapprova l-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali kontra parlamentari li huma Ministri attwali jew eks Ministri. Rifjut tal-Parlament biex jippermetti l-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali f'każijiet bħal dawn jiġġenera immunità de facto minn investigazzjoni kriminali u bħala konsegwenza jimblokka l-proċess tal-ġustizzja. Mill-2007 numru ta' MP, inkluż eks Prim Ministru, kienu mħarsa minn investigazzjoni kriminali mir-rifjuti tal-Parlament li jippermetti l-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali.⁴⁷ Il-fatt li l-Parlament ma jagħtix raġunijiet għal rifjuti biex jippermetti l-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali jagħmilha diffiċli biex tiġi stabbilita l-oġġettività ta' deċiżjonijiet.⁴⁸ Barra minn hekk, il-fatt li parlamentari għad jistgħu jibqgħu fil-parlament waqt li jkunu kkundannati b'reati serji bħall-korruzzjoni huma ta' dannu għar-reputazzjoni tal-Parlament – ħafna sistemi parlamentari għandhom il-prattika li jissospendu parlamentari mal-akkuża f'każijiet bħal dawn, u jeskluduhom mal-kundanna.⁴⁹

Fl-istabbiliment riċenti tal-gvern ġdid kien hemm sinjali kontradittorji. In-nomina u saħansitra il-ħatra ta' Ministri b'deċiżjonijiet ta' qrati finali jew pendent kontribom wasslu għal kontroversja li tinftiehem u indikat nuqqas ta' rieda li tiġi aċċettata u li tinftiehem li l-istat tad-dritt huwa prinċipju fundamentali.⁵⁰ Dan juri li għad hemm x'isir f'termini ta' stabbiliment ta' standards għoljin f'pożizzjonijiet għoljin.

L-integrità

Mal-adeżjoni, ir-Rumanija qablet li twaqqaf qafas legali u istituzzjonali għall-prevenzjoni u l-għoti ta' sanzjoni bl-indirizzar ta' inkompatibiltajiet, konflitt ta' interess u ġid mhux ġustifikat. L-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) tivverifika sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u inkompatibiltà u tidentifika ġid potenzjali mhux ġustifikat fost uffiċjali pubbliċi u politiċi eletti. Dak li jinstab jew li jkun referut jista' jkun appellat jew ikkonfermat mill-Qrati. jew segwit minn korpi ġudizzjarji jew amministrattivi oħrajn.

Imwaqqfa fl-2007, l-ANI malajr saret operrazzjonali u implimentat metodoloġija ta' amministrazzjoni u investigazzjoni effiċjenti. Hija stabbiliet aċċess pubbliku ċentralizzat u elettroniku għad-dikjarazzjonijiet kollha ta' assi u interessi, kontribuzzjoni importanti għat-trasparenza. B'appoġġ kemm mill-baġit nazzjonali u minn fondi tal-UE, hija waqqfet sistema ta' manijġġjar kompjuterizzata ta' każijiet u ftehimiet ta' koperazzjoni b'varjetà ta' awtoritajiet

⁴⁶ Din għad mhijiex Prattika standard: l-elezzjonijiet lokali f'Ġunju inkludew bosta kandidati għall-kunsilliera/sindki u għal president tal-kunsill tal-konteja taħt arrest, b'investigazzjoni kriminali jew proċess quddiem il-qorti kriminali għal korruzzjoni, b'numru minnhom li ġew eletti.

⁴⁷ Ara r-Rapport Tekniku, paġni 26 – 27.

⁴⁸ Ara r-Rapport Tekniku l-paġna 27.

⁴⁹ Tliet Membri tal-Parlament li kienu kundannati għal korruzzjoni fuq livell għoli permezz ta' deċiżjoni finali għandhom membri tal-Parlament.

⁵⁰ Dawn id-deċiżjonijiet segwew appelli lill-qorti kontra sejbiet tal-ANI fuq inkompatibiltà.

amministrattivi u ġudizzjarji. Illum, l-ANI hija involuta f'komponent essenzjali tal-qafas istituzzjonali kontra l-korruzzjoni u tista' turi riżultati sinifikanti⁵¹.

Madankollu, il-proġess tal-ANI kien imxekkel minn serje ta' sfidi. Il-bażi legali tal-ANI kienet dikjarata mhux kostituzzjonali fl-2010, u xethet f'dubju l-poter ewlieni tal-ANI li tikseb konfiska ta' assi mhux ġustifikati.⁵² Id-dibattitu dwar kif għandha tiġi emendata l-bażi legali uriet li r-rieda politika ma kintx qawwiya biex tiġi indirizzata l-integrità u għat-twettiq tal-impenji ta' adezzjoni. Rappreżentanti minn kull partit politiku ewlieni fil-Parlament fetħu mill-ġdid il-kwistjoni tal-eżistenza tal-ANI. Il-Parlament naqas ukoll milli jimplimenta deċiżjonijiet dwar l-inkompatibbiltà u l-kunflitt ta' interess.⁵³

Il-bażi legali mdgħajjfa tal-ANI tagħmilha iktar diffiċli għax-xogħol tal-ANI biex iġib riżultati u għadha suġġetta għal sfida kostituzzjonali, għalkemm żewġ ilmenti kienu rifjutati mill-Qorti Kostituzzjonali f'Ġunju.⁵⁴ Il-kummissjonijiet ġodda għall-investigazzjoni ta' ġid – stabbilti bħala stadju żejjed bejn l-ANI u l-qrati għal każijiet fejn l-ANI tissuġġerixxi l-konfiska ta' assi mhux ġustifikati - jidhru li għamlu l-kompitu li jiġi segwit ġid mhux ġustifikat aktar diffiċli. Il-kummissjonijiet żiedu saff żejjed ta' ġurisdizzjoni imma joffru inqas trasparenza u inqas drittijiet għall-partijiet. Minkejja sforzi biex iġibu atturi ewlenin flimkien f'seminars, il-proċeduri tagħhom għadhom ma ġewx unifikati b'mod sħiħ u dehru dgħufijiet li jikkonċernaw l-immaniġġjar ta' evidenza. S'issa lanqas każ wieħed ipproċessat mill-kummissjonijiet għall-investigazzjoni ta' ġid mill-istabbiliment tagħhom mill-ġdid fl-2010 ma ġie determinat b'mod finali mill-qrati. Il-qafas legali jxekkel ukoll ix-xogħol biex jiġu indirizzati kunflitti amministrattivi ta' interess. L-ewwel nett huma meħtieġa proċessi legali separati biex jiddeterminaw kwalunkwe appell ippreżentat għas-sejbiet tal-ANI ta' kunflitt ta' interess, u sussegwentement għat-tħassir ta' atti legali bħal kuntratti ta' akkwist pubbliku konklużi f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.⁵⁵

L-effikaċja tas-sistema ta' integrità Rumena tbat i wkoll minn proċedimenti bil-mod tal-qrati, ġurisprudenza inkonsistenti u koperazzjoni insuffiċjenti bejn awtoritajiet amministrattivi oħrajn, il-ġudikatura u l-ANI. Proċeduri ġudizzjarji għal każijiet taħt dawn it-tliet attributi tal-ANI saru partikolarment wisq bil-mod. B'kollox, s'issa l-qrati kkonfermaw b'mod finali erba' każijiet biss ta' ġid mhux ġustifikat, u dawn il-każijiet huma datati minn qabel il-liġi l-ġdida (każ wieħed huwa tal-2005). Każijiet sempliċi ta' inkompatibbiltà jistgħu jiġu determinati mill-qrati biss wara bosta snin. Dan wassal għal każijiet fejn sanzjonijiet ma setgħux jiġu applikati, hekk kif mandati kienu diġà skadew. Ġurisprudenza inkonsistenti kienet ukoll problema f'każijiet imqajjma mill-ANI, imma azzjoni korrettiva f'waqtha għadha ma ttieħditx mill-ġudikatura.⁵⁶ Għalkemm l-ANI stabbiliet ftehimiet ta' koperazzjoni ma' numru ta'

⁵¹ Ara r-Rapport Tekniku, paġni 18 – 19.

⁵² Is-saħħa tal-ANI li tissuġġerixxi s-sekwestru ta' assi mhux ġustifikati lill-qorti kienet ikkunsidrata bħala ksur għall-prinċipji kostituzzjonali tas-separazzjoni ta' poteri u l-preżunzjoni, u l-projbizzjoni mill-konfiska, ta' ġid miksub b'mod legali.

⁵³ Il-kumitat legali tal-Kamra tad-Deputati ppropona li m'għandha tittieħed l-ebda azzjoni kontra ż-żewġ MP b'sejbiet definittivi ta' inkompatibbiltà jew kunflitt ta' interess kontra isimhom. Deċiżjonijiet finali tal-Parlament b'rispett taż-żewġ każijiet għadhom pendenti.

⁵⁴ Il-liġi emendata sfurzta lill-ANI biex tabbanduna numru sinifikanti ta' każijiet investigati f'dak iż-żmien minħabba l-introduzzjoni ta' perjodi ta' preskrizzjoni. Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet ikkonċernat politiċi eletti.

⁵⁵ S'issa, kunflitt ta' interess amministrattiv ġie kkonfermat biss f'żewġ każijiet; fl-ebda każ ma ġew imħassra kuntratti li kienu bbażati fuqhom.

⁵⁶ Każijiet riċenti f'diskussjoni pubblika jinkludu żewġ Membri tal-Parlament li huma wkoll Retturi ta' Università. F'każ wieħed ġiet identifikata inkompatibbiltà, fit-tieni każ, l-istess qorti ivaħdet

istituzzjonijiet amministrattivi oħrajn u mal-prosekuzzjoni, din il-koperazzjoni ma waslitx għal riżultati sinifikanti s'issa, bl-eċċezzjoni ta' koperazzjoni produttiva mad-DNA. Ftit sinjali waslu għand l-ANI minn istituzzjonijiet oħra u kien hemm nuqqas ta' segwitu għal referenzi tal-ANI minn istituzzjonijiet oħrajn, li wassal għal akkuża waħda biss u talba waħda għal taxxa addizzjonali.⁵⁷

Madankollu, mill-2010 l-ANI kabret il-ħila li tiffoka fuq każijiet importanti u kumplessi. Eżami analitiku biex jiġi identifikat kunflitt ta' interess fost kunsilliera lokali waslet għal numru sinifikanti ta' każijiet potenzjali – sa liema punt dawn il-każijiet jiġu segwiti mill-prosekuzzjoni u l-qrati se jkun test importanti.⁵⁸ Eżerċizzju simili kien inniedi mill-awtoritajiet li qed jimaniġġjaw fondi tal-UE. Dawn huma żviluppi milqugħa. Fil-ġejjieni investigazzjonijiet tal-ANI għandhom ikunu gwidati aktar minn valutazzjonijiet tar-riskju u b'fowkus fuq oqsma vulnerabbli. Dan jista' jkollu implikazzjonijiet f'termini ta' żieda ta' riżorsi tal-persunal tal-ANI.⁵⁹

Minkejja d-dgħufijiet tas-segwitu ġudizzjarju, numru sinifikanti ta' sejbiet ta' inkompatibbiltà saru definittivi u wasslu għal riżenji u sanzjonijiet dixxiplinari.⁶⁰ Ir-riżultati kienu aktar diżappuntanti rigward is-segwitu ta' każijiet tal-ANI li jikkonċernaw il-konfiska ta' assi mhux ġustifikati u l-kunflitt ta' interess. Titjib fil-bażi legali tal-ANI jista' jgħin biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni⁶¹, imma s-sistema politika, ġudizzjarja u amministrattiva bħala ħaġa sħiħa teħtieġ li tqis lill-ANI bħala assi li għanda tkun imħeġġa. L-immanġġjar ta' każijiet tal-ANI mill-qrati u l-koperazzjoni bejn istituzzjonijiet jeħtieġu li jitjiebu jekk l-Aġenzija għandha sservi l-għan tagħha li tmexxi bidla ewlenija f'attitudnijiet lejn l-integrità fir-Rumanija.

Il-prevenzjoni u s-sanzjonar ta' korruzzjoni ġenerali fis-settur pubbliku

Kif ukoll l-iżgurar li l-korruzzjoni hija sanzjonata meta identifikata, tnaqqis sostenibbli f'korruzzjoni teħtieġ azzjoni sabiex ikun hemm inqas ċans li sseħħ korruzzjoni Miżuri preventivi għat-tnaqqis ta' opportunitajiet u riskji għal korruzzjoni, bħal proċeduri trasparenti u teħid ta' deċiżjonijiet prevedibbli minn istituzzjonijiet pubbliċi, huma pass ewlieni.

Id-direzzjoni ġenerali ta' azzjoni hija sostnuta minn strateġija nazzjonali għal kontra l-korruzzjoni. L-aħħar ħames snin ippreżentaw stampa mħallta f'dan ir-rigward. L-Istrateġija 2008-10 naqqset milli tagħti l-impatt mixtieq. Madankollu, strateġija komprensiva ġdida kienet adottata f'Marzu ta' din is-sena, u d-deċiżjoni tal-Gvern il-ġdid li jendorsja mill-ġdid l-istrateġija mhux mibdula, akkumpanjata mill-approvazzjoni tal-Parlament, tissuġġerixxi appoġġ politiku ġenerali. L-istrateġija l-ġdida użat haġna rakkomandazzjonijiet

⁵⁷ inkompatibbiltà. Episodju simili kien ripetut f'Qorti oħra tal-Appell. Dawn il-każijiet issa huma pendent fil-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

⁵⁸ B'kollox, sa Marzu 2012, l-ANI wettqet madwar 4000 verifika u ħarġet sejbiet u referenzi f'iktar minn 500 każ: Inkluż 250 informazzjoni dwar inkompatibbiltà, 37 każ ta' kunflitt (amministrattiv) ta' interess, 24 każ ta' assi mhux ġustifikati suspettużi u 239 referenza ta' reati kriminali possibbli lill-prosekuzzjoni.

⁵⁹ L-eżami analitiku s'issa rriżultat f'75 detezzjoni ta' inkompatibbiltà, 9 sejbiet ta' kunflitt amministrattiv ta' interess, u referenzi lil prosekuturi li jkopru 50 reat kriminali suspettat.

⁶⁰ Pass utli huwa l-appoġġ tal-Ministeru tal-Ġustizzja għal titjib tas-salarji ta' persunal tal-ANI.

⁶¹ S'issa s-sejbiet tal-ANI dwar inkompatibbiltajiet sa fl-aħħar ġew ikkonfermati mill-qrati jew saru definittivi minħabba li ma sarilhomx appell fil-perjodi ta' żmien stipulati mil-liġi f'118-il każ. F'53 każ, uffiċjali rriżenjaw bħala riżultat, fi 8 każijiet kumitati ħabbru riżenji u f'16-il każ ieħor ittieħdu sanzjonijiet oħrajn.

⁶¹ Grupp konġunt ta' ħidma bejn il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-ANI diġà ta' proposti li s'issa ma tmexxewx 'il quddiem.

minn analiżi tal-impatt taż-żewġ strateġiji preċedenti u tipprovdi bażi tajba għall-kordinazzjoni u l-fowkus tal-attivitajiet ta' istituzzjonijiet ta' stati differenti. Tippermetti wkoll monitoraġġ ta' progress wara serje ta' indikaturi. L-adozzjoni mill-Parlament kienet mod utli biex jiġi sottolinjat li l-partijiet influwenti kollha tas-soċjeta' għandhom rwol importanti sabiex l-istrateġija tkun suċċess.

Is-segwitu jiddependi ħafna fuq l-azzjonijiet ta' kull parti tal-gvern. Bħala korp ta' kontra l-korruzzjoni dedikat u b'numru tajjeb ta' persunal bi rwol kemm preventiv kif ukoll investigattiv, id-Direttorat Ġenerali ta' Kontra l-Korruzzjoni tal-Ministeru tal-Amministrazzjoni u tal-Intern (GAD) għamel progress importanti fl-indirizzar ta' korruzzjoni fi ħdan il-pulizija Rumena u fl-istrutturi l-oħrajn tal-Ministeru. S'issa il-GAD huwa l-uniku dipartiment b'valutazzjoni dettaljata ta' riskju ta' korruzzjoni u baġhat ukoll numru sinifikanti ta' sinjali ta' korruzzjoni lill-prosekuzzjoni.⁶² Biex ikompli jibni fuq dawn il-kisbiet u jissodisfa l-potenzjal tiegħu, il-GAD għandu issa jespandi r-rekord tiegħu ta' każijiet f'oqsma oħrajn ta' korruzzjoni serja u kumplessa, inkluż akkwist pubbliku u investigazzjonijiet frabtiet korrotti bejn il-pulizija u l-kriminalità organizzata.

Ma ntlahħqux riżultati komparabbli f'setturi oħrajn ta' attività ta' gvern. Hemm ħafna każijiet ta' korruzzjoni f'oqsma bħal amministrazzjoni tat-taxxi, investment fis-saħħa u l-infrastruttura; Madankollu analiżi tar-riskju f'dawn l-oqsma għadha kemm bdiet u ftit miżuri għandhom intużaw f'oqsma li l-aktar ikollhom tendenza ta' korruzzjoni u huma sensitivi għall-baġit.⁶³ Is-settur tal-edukazzjoni mexxa xi miżuri utli ta' prevenzjoni, inklużi proposti taċ-Ċentru ta' Integrità Nazzjonali, bħal sorveljanza bil-vidjow u eżami tal-baċċelerat u qed ifassal strateġija tas-settur fil-kuntest ta' proġett ta' kontra l-korruzzjoni ffinanzjat mill-UE. Oqsma oħrajn ewlenin ta' riskju li għandhom jiġu koperti huma investimenti fl-infrastruttura ta' skejjel u korruzzjoni fis-sistema ta' eżaminazzjoni fi skejjel u l-ġhoti ta' lawrji fi ħdan universitajiet. Qed jinbdew attivitajiet fis-settur tas-saħħa, bit-tnedija ta' proġett ieħor importanti iffinanzjat mill-UE.⁶⁴ Dawn kienu attivitajiet pilota utli f'oqsma sensitivi għall-korruzzjoni b'impatt importanti fuq il-baġit tal-istat, imma għad iridu jitwettqu permezz ta' approċċ sistematiku. Seħħew ftit attivitajiet f'oqsma bħat-taxxa u d-dwana, għalkemm riskji partikolari f'dawn l-oqsma jiġġustifikaw il-ħolqien ta' unitajiet b'saħħithom ta' prevenzjoni b'mandat proattiv.⁶⁵ Awtoritajiet ta' kontroll amministrattiv għandhom rwol importanti, imma ġeneralment ma jwettqux valutazzjonijiet ta' riskju ta' korruzzjoni biex jindirizzaw oqsma vulnerabbli u ġeneralment ma jikkooperawx ma' awtoritajiet ġudizzjarji jew mal-ANI. Esperti

⁶² B'mod partikolari, ikkooperaw mad-DNA f'numru ta' investigazzjonijiet importanti u kumplessi inklużi li jikkonċernaw il-korruzzjoni fil-ħruġ ta' liċenzja tas-sewqan (2008) u fi ħdan il-pulizija tal-fruntiera (2010-11). B'mod ġenerali, mill-2007, il-GAD ta iktar minn 1000 każ lid-DNA li s'issa wassal għal 222 akkuża għal korruzzjoni ta' livell għoli. Matul l-istess perjodu l-GAD ta iktar minn 6300 fajl ta' korruzzjoni lill-prosekuzzjoni li wassal għal 836 akkuża s'issa.

⁶³ Attivitajiet komprensivi ta' kontra l-korruzzjoni għandhom ma intużawx f'oqsma bħat-taxxa, id-dwana imma wkoll fir-rigward ta' permessi ta' kostruzzjoni fil-gvern lokali.

⁶⁴ Dan se jsaħħaħ id-detezzjoni ta' rregolaritajiet fl-akkwist fis-settur tas-saħħa, waqt li qed jiġi propost proġett ieħor importanti għat-tisħiħ tal-għarfien tad-drittijiet ta' pazjenti u għall-indirizzar tan-naħa ta' provvista ta' korruzzjoni fis-sistema tas-saħħa. Ġie mniedi wkoll proġett ta' kontra l-korruzzjoni mill-Ministeru ta' Żvilupp Reġjonali u t-Turiżmu għall-iżvilupp u l-analiżi ta' dgħufijiet fi ħdan il-Ministeru u strutturi subordinati u għall-iżvilupp ta' strateġija dettaljata.

⁶⁵ Dan ix-xahar il-Gvern approva l-ħolqien ta' unita' ta' integrità fi ħdan l-Aġenzija Nazzjonali għal Amministrazzjoni Fiskali. L-istruttura tagħha, il-poteri u r-riżorsi għad iridu jiġu determinati.

jissuġġerixxu indipendenza insuffiċjenti u influwenza politika bħala raġunijiet sottostanti importanti għal nuqqas ta' azzjoni.⁶⁶

In-numru baxx ta' sinjali ta' korruzzjoni minn awtoritajiet amministrattivi kellhom ukoll impatt fuq in-numru ta' każijiet li jaslu għand il-prosekuzzjoni u l-qrati. Eċċezzjoni hija l-qasam tal-pulizija, fejn il-GAD irrefera numru konsiderevoli ta' każijiet. Il-Prosekutur Ġenerali saqsa uffiċċji lokali ta' prosekuzzjoni biex jiżviluppaw strateġiji lokali għal kontra l-korruzzjoni, ħareġ linji gwida għall-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni u ħoloq netwerk ta' prosekuturi speċjalizzati. Dawn il-miżuri tejbju n-numru ta' każijiet ta' korruzzjoni segwiti mill-prosekuzzjoni regolari.⁶⁷

L-istrateġija ġdida nazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni toffri opportunità biex tagħmel bidla fl-impenn tal-aġenziji kollha tal-gvern għall-implimentazzjoni ta' politiki proattivi biex il-korruzzjoni ssir aktar diffiċli, u jiġu identifikati problemi meta jkun hemm. L-aħjar prattika disponibbli f'każijiet bħall-Ministeru tal-Amministrazzjoni u l-Intern għandha tiġi estiża għas-setturi kollha b'riskju għoli u b'impatt baġitarju importanti. L-istabbiliment ta' linja diretta indipendenti tat-telefown biex jiġu mgħarrfa reati ta' korruzzjoni mas-servizz pubbliku għandu jgħin biex jistimula dawn is-sinjali. Imma fuq kollox, azzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni għandhom jirbħu l-fiduċja tal-pubbliku, u dik se teħtieġ ċirku virtuż fejn il-pubbliku jista' jara li jkun hemm konsegwenzi meta jitqajmu każijiet ġustifikati.

L-Ombudsman

L-Ombudsman għandu rwol importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija. L-Ombudsman hu mogħti l-poter li jwettaq investigazzjonijiet li jikkonċenaw diversi allegati illegalitajiet tal-amministrazzjoni. Huwa korp indipendenti, li jista' jaġixxi fuq il-bażi ta' appell minn kwalunkwe persuna jew fuq inizjattiva tiegħu stess. L-Ombudsman huwa wkoll intitolat skont l-Artikolu 26(2) tal-Liġi 35/1997 li jirrapporta lill-parlament jew lill-prim ministru fuq "*każijiet gravi ta' korruzzjoni*" li jsib waqt l-investigazzjonijiet tiegħu. L-irwol tal-Ombudsman huwa rilevanti għall-MKV b'mod partikolari għar-raba' punt ta' riferiment fuq il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-Ombudsman huwa l-uniku istituzzjoni li jista' jisfida direttmanet l-Ordinanzi tal-Gvern quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Kummissjoni tinnota li fit-3 ta' Lulju 2012 il-Parlament temm kmieni l-mandat tal-Ombudsman. L-awtoritajiet Rumani jridu jiżguraw l-indipendenza tal-Ombudsman, u jaħtru Ombudsman li jgawdi l-appoġġ tal-partiti, li jkun jista' jeżerċita b'mod effettiv il-funzjonijiet legali tiegħu f'indipendenza sħiħa.

L-irkupru ta' rikavat minn attività kriminali

L-esperjenza turi li s-segwitu ta' korruzzjoni ta' spiss jwassal għas-segwitu ta' rikavati ta' korruzzjoni. B'hekk l-irkupru ta' rikavati ta' kriminalità u l-indirizzar ta' ħasil ta' flus huma partijiet essenzjali ta' kwalunkwe strateġija ta' kontra l-korruzzjoni. Fl-2011 ir-Rumanija waqqfet uffiċċju ta' rkupru ta' assi⁶⁸ u l-2012 rat liġi ġdida fuq il-konfiska estiża. Mill-2010 l-prosekuzzjoni u l-pulizija qed japplikaw proċedura standardizzata biex jirkupraw ir-rikavati

⁶⁶ Fil-qasam ta' akkwist pubbliku, l-awtorità ta' kontroll kompetenti ANRMAP tat biss ħames sinjali lid-DNA mill-2007. Fl-2011, l-ANRMAP tat biss tliet sinjali ta' kunflitt ta' interess.

⁶⁷ Ara r-Rapport Tekniku, paġni 34 – 35.

⁶⁸ L-istabbiliment ta' uffiċċju ta' rkupru ta' assi jirrispondi għar-reqwiziti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/JHA.

ta' kriminalità taħt ordni komuni mill-Prosekutur Ġenerali u l-Ministeru tal-Intern. It-taħriġ f'dan il-qasam sar mandatarju u nħoloq network speċjalizzat ta' prosekuturi.

Madankollu, din l-azzjoni għad trid trendi riżultati. Konfiska estiża tibqa' kunċett ġdid għall-pulizija, prosekuturi u mħallfin. Kunċetti bħal konfiska ta' terzi partijiet jidhru li faċilment jiġu sfidati fil-qrati.⁶⁹ Minkejja ġurisprudenza pożittiva, il-ħasil tal-flus għadu mhux kontestat bħala reat waħdu⁷⁰. Valutazzjoni esperta tissuġġerixxi li l-livelli ta' konfiski, kuntrarju għal li kien mistenni, huma baxxi.⁷¹ Barra minn hekk, in-nuqqas ta' informazzjoni statistika komprensiva f'dan il-qasam jagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet biex jimmonitorjaw progress.

Akkwist pubbliku

Dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' akkwist pubbliku huma sors importanti ta' korruzzjoni u użu ħażin ta' fondi pubbliċi. Jaffettwaw ukoll l-użu effiċjenti ta' fondi tal-UE u jnaqqsu l-kwalità fl-għoti ta' beni pubbliċi. Verifiki u valutazzjonijiet minn bosta servizzi tal-Kummissjoni b'mod ripetut identifikaw riskji sistematiċi u nuqqasijiet f'dan il-qasam, xi drabi jirriżultaw minn interuzzjonijiet ta' pagamenti ta' fondi tal-UE. Dan hu appoġġjat minn ilmenti li jaslu direttament mill-Kummissjoni.

Mill-adeżjoni, ir-Rumanija ħolqot qafas estensiv istituzzjonali u legali biex il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi implimentata f'din iż-żona. Madankollu, numru ta' nuqqasijiet sistematiċi ma ġewx indirizzati b'mod suffiċjenti. Inkonsistenzi huma kkawżati minn fatturi li jinkludu bidliet frekwenti tal-qafas legali⁷² u l-istabbiliment istituzzjonali li għandu nuqqas ta' kapaċità suffiċjenti, kif ukoll in-nuqqas ta' strumenti ewlenin għal kontrolli effettivi bħal regjistru komprensiv ta' offerti pubbliċi. Il-ħarsien ta' akkwist pubbliku kontra kunflitt ta' interess ġie identifikat bħala dgħufija partikolari minn verifiki tal-Kummissjoni u mill-Aġenzija Nazzjonali ta' Integrità Rumena.⁷³ Ir-Rumanija tat impenn ukoll li timplimenta permezz ta' pjan ta' azzjoni ġenerali s-sejbiet ta' valutazzjoni komprensiva tal-akkwist pubbliku mwettqa mill-Kummissjoni fl-2011. Se tinħtieġ azzjoni deċiżiva biex tirmiedja n-nuqqasijiet identifikati.

III. Il-Pass li Jmiss

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni turi l-progress li r-Rumanija għamlet fil-ħames snin mill-adeżjoni tagħha fl-UE. Turi l-irwol pożittiv li kellu il-MKV. Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-futur ir-Rumanija tista' tikseb l-għanijiet tal-MKV, sakemm tiegħu azzjoni f'waqtha biex tiggarantixxi l-istat tad-dritt u iżżomm id-direzzjoni u l-passi pożittivi tal-implimentazzjoni tar-riformi.

Madankollu, kif imfassal fl-introduzzjoni, avvenimenti riċenti jisħqu tħassib dwar l-irreversibbiltà u s-sostenibbiltà tar-riformi. Ir-Rumanija teħtieġ li tiżgura rispett għall-istat tad-dritt, inkluża analiżi ġudizzjarja indipendenti. Il-fiduċja fl-imsieħba tar-Rumanija fl-UE tista' tintrebaħ biss permezz ta' prova li l-istat tad-dritt huwa 'l fuq minn interessi tal-partit, li n-naħat kollha juru rispett sħiħ għal analiżi ġudizzjarja inkluża fuq livell kostituzzjonali, u li r-

⁶⁹ Għad m'hemmx viżjoni komuni fi ħdan il-professjoni rigward il-konfiska ta' terzi partijiet u n-nuqqas ta' ġurisprudenza. Id-dispożizzjoni Kostituzzjonali li għaliha l-oriġini leċita ta' proprjetà hija preżunta tikkontribwixxi għal approċċ kawt u Prattika non-unitarja f'dan il-qasam.

⁷⁰ Ġiet stabbilita ġurisprudenza f'każ wieħed u opinjoni legali kienet maħrupa mill-Prosekutur Ġenerali.

⁷¹ Bejn l-2007 u l-2011, inkisbu 42 kundanna għal reati ta' ħasil ta' flus.

⁷² Rapport tekniku, paġna 40.

⁷³ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 56.

riformi huma irriversibbli. Din teħtieġ passi legali – teħtieġ ukoll impenn politiku għall-istat tad-dritt li kien nieqes minn deċiżjonijiet riċenti. Il-gvern issa ta impenn li jaġixxi malajr biex jiżgura r-rispett għall-istat tad-dritt skont ir-rakkomandazzjonijiet imniżżla hawn taħt (ara IV 1).

Dan jirrinforza l-konklużjoni li għad m'hemmx il-progress fl-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment meħtieġa għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi jekk għandhiex twaqqaf il-MKV. Sjiċda usa' ta' riforma fi ħdan il-fergħat kollha tal-gvern, kif ukoll fi ħdan il-ġudikatura u impenn iktar b'saħħtu għall-integrità u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija meħtieġa biex tissodisfa b'mod sodisfaċenti r-rekwiżiti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Rumani jridu juru li proċess ta' riforma sostenibbli u irriversibbli żviluppa fir-Rumanija u li l-intervent estern tal-MKV mhuwiex meħtieġ iktar. Din hi r-raġuni għalfejn passi riċenti tal-Gvern u l-Parlament jqajmu tħassib partikolari.

L-esperjenza tal-aħħar ħames snin turi li meta tittieħed azzjoni konvinċenti, din tista' ġġib riżultati. Ir-Rumanija tista' diġà tħares lejn direzzjoni pożittiva fil-proċess ta' riforma f'istituzzjonijiet bħad-DNA u l-ANI, u f'azzjoni mmirata bħat-tħaffif ta' każijiet fil-Qorti Ġenerali. Avvenimenti riċenti raw il-ġudikatura tieħu pożizzjoni iktar proattiva favur indipendenza ġurdizzjarja. B'mod ċar, il-preservazzjoni ta' progress u ż-żamma tal-momentum u l-istabbiltà istituzzjonali f'każijiet bħal dawn huwa l-ewwel pass għat-turiya ta' sostenibbiltà. Progress rapidu mill-fażi ta' suċċess ta' leġiżlazzjoni għal fażi determinata ta' implimentazzjoni se jġib 'il quddiem il-mument meta r-Rumanija se tissodisfa r-rekwiżiti tal-MKV. L-Istati Membri kollha għandhom kemm obbligi kif ukoll opportunitajiet fi ħdan il-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-Kummissjoni tinsab heqana li l-Rumanija ttejjem il-proċess partikolari tal-MKV u tindirizza dawk il-kwistjonijiet fuq l-istess bażi bħal Stati Membri oħra.

Minħabba inċertezzi attwali, il-Kummissjoni għandha intenzjoni li tadotta rapport ieħor taħt il-MKV fuq ir-Rumanija qabel tmiem l-2012. F'dan ir-rapport, se tingħata ħarsa dwar jekk tħassib li qed tesprimi rigward l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura ġieħ indirizzat u dwar jekk il-kontrolli demokratiċi u l-bilanċji ġewx għan-normal. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress mill-viċin, b'missjonijiet regolari, kif ukoll b'djalogu frekwenti mal-awtoritajiet Rumani u ma' Stati Membri oħrajn.

IV. Rakkomandazzjonijiet

L-iktar pass importanti li jmiss se jkun għall-gvern u l-istituzzjonijiet ewlenin tar-Rumanija li juru l-impenn tagħhom għat-tqegħid tal-pedamenti indispensabbli tal-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja. Dan jeħtieġ numru ta' passi urġenti mill-gvern u l-Parlament. Waqt li r-rakkomandazzjonijiet imniżżla hawn taħt jinkludu numru ta' riformi speċifiċi meħtieġa biex jinżamm il-progress taħt l-MKV, il-kontroversji attwali deskritti fil-parti preċedenti tar-rapport iqajmu tħassib fuq il-progress li nkiseb s'issa u jpoġġu mistoqsijiet importanti fuq is-sostenibbiltà u l-irriversibbiltà ta' riformi li tnedu diġà. Billi tiġi kkunsidrata n-natura eċċezzjonali ta' dawn l-iżviluppi riċenti, dan ir-rapport jinkludi rakkomandazzjonijiet urġenti speċifiċi biex jindirizzaw is-sitwazzjoni attwali, l-aktar skont is-sezzjoni 1: Ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura.

Il-Kummissjoni stiednet lir-Rumanija biex tieħu azzjoni immedjata fl-oqsma li ġejjin sabieħ issolvi l-kontroversji attwali:

1. Ir-rispett għall-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura

- Tħassir tal-Ordinanza ta' Emerġenza Nru 38/2012 u l-Ordinanza ta' Emerġenza Nru 41/2012 li tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fuq il-quorum għal referendum u għall-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-Qorti huma rispettati;
- Rispett għal rekwiżiti kostituzzjonali fil-ħruġ ta' ordinanzi ta' emerġenza fil-futur;
- Implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet kollha tal-Qorti Kostituzzjonali
- Tiġi żgurata l-pubblikazzjoni immedjata tal-atti kollha fil-Ġurnal Uffiċjali, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali
- Talba lil partiti politiċi u l-awtoritajiet tal-gvern biex jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura; b'impenn għal dixxiplina minn kwalunkwe gvern jew membru ta' partit li jimmina l-kredibbiltà ta' imħallfin jew jagħmel pressjoni fuq istituzzjonijiet ġudizzjarji;
- Jinħatar Ombudsman li jgawdi appoġġ mal-partiti kollha, permezz ta' proċess trasparenti u oġġettiv, li jwassal għall-għażla ta' personalità b'awtorità, integrità u indipendenza mhux kontestati;
- Dħul ta' proċess trasparenti għan-nomina tal-Prosekutur Ġenerali u l-Kap Prosekutur tad-Direttorat Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni. Dan għandu jinkludi applikazzjonijiet miftuħa bbażati fuq kriterji ta' kompetenza professjonali, integrità u rekord ta' azzjoni ta' kontra l-korruzzjoni. M'għandha ssir l-ebda nomina taħt l-aġent President;
- Evitar ta' kwalunkwe ħatra presidenzjali taħt l-aġent President;
- Twaqqif mill-ħatra ta' Ministri b'deċiżjonijiet ta' integrità kontrihom; ministri f'dik is-sitwazzjoni għandhom jirriżenjaw;
- Adozzjoni ta' proċeduri ċari li jeħtieġu r-riżenja ta' Membri tal-Parlament b'deċiżjonijiet finali fuq inkompatibbiltà u kunflitt ta' interess, jew b'kundanni finali għal korruzzjoni ta' livell għoli.

Bl-ittra tiegħu tas-16 ta' Lulju u l-anness aġġornat fis-17 ta' Lulju il-Prim Ministru tar-Rumanija ikkonferma lill-President tal-Kummissjoni li dawn ir-rekwiżi ġew sodisfatti jew se jiġu sodisfatti.

Ir-Rumanija għandha tiegħu azzjoni wkoll fl-oqsma li ġejjin:

2. Riforma tas-sistema ġudizzjarja:

- L-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan konġunt komprensiv għall-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-erba' kodiċijiet kollha, inklużi aspetti rilevanti ta' riforma strutturali u proċedurali, aġġustament ta' riżorsi umani u investment fl-infrastruttura ġudizzjarja.
- Ristrutturar tas-sistema tal-qrati u tal-uffiċċji ta' prosekuturi, bilanċjar mill-ġdid ta' persunal u piż ta' xogħol l-aktar permezz ta' analiżi funzjonali tas-sistema

ġudizzjarja Rumena u l-proġett fuq piż ta' xogħol ottimali fil-qrati attwalment imwettaq mill-Bank Dinji.

- Il-ħolqien ta' grupp ta' monitoraġġ għal riforma ġudizzjarja li jinvolti l-poteri kollha tal-istat, assoċjazzjonijiet professjonali u soċjetà ċivili.

3. Responsabbiltà tas-sistema ġudizzjarja:

- Ftehim fuq politika konġunta bejn l-SCM u l-Gvern għall-promozzjoni ta' responsabbiltà u integrità fi ħdan il-ġudikatura permezz ta' prattika dixxiplinari u ġurisprudenza konvinċenti, b'miri ċari għall-implimentazzjoni. Użu tal-implimentazzjoni tal-liġijiet ġodda fuq responsabbiltà dixxiplinari u promozzjoni għall-Qorti Suprema biex tkun ta' eżempju għas-sistema ġudizzjarja inġenerali.
- Tiġi żgurata kordinazzjoni ta' strumenti legali, dixxiplinari u ta' maniġment għall-ħarsien tar-reputazzjoni tal-ġudikatura f'każijiet serji ta' kondotta ħażina, inklużi deċiżjonijiet fuq drittijiet individwali, bħal pensjonijiet.
- Tisħiħ tal-kapaċità u l-prestazzjoni tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja kemm biex tintlaħaq responsabbiltà ġudizzjarja permezz ta' segwitu ta' każijiet individwali, u wkoll għall-promozzjoni ta' effiċjenza, konsistenza u prattika tajba ġudizzjarja permezz ta' analiżi regolari ta' prattika fil-livelli kollha tas-sistema ġudizzjarja.

4. Konsistenza u trasparenza tal-proċess ġudizzjarju

- Żvilupp ta' approċċ komprensiv biex jitqiegħdu fis-seħħ strutturi, proċeduri u prattiki meħtieġa għat-tħaffif ta' unifikazzjoni legali. Unifikazzjoni legali għandha ssir prijorità ta' maniġġjar għal presidenti tal-qrati u konsistenza element importanti fi ħdan sistema ta' evalwazzjoni u promozzjoni ta' imħallfin. Tiġi żgurata l-pubblikazzjoni sħiħa u fuq l-internet u aġġornament kontinwu ta' deċiżjonijiet motivati ta' qrati.
- Riforma ulterjuri tal-Qorti Ġenerali se tippermetti fowkus iktar b'saħħtu fuq unifikazzjoni legali.

5. Effikaċja ta' azzjoni ġudizzjarja

- Stabbiliment u implimentazzjoni mas-sistema kollha tal-qrati ta' linji gwida ċari u tal-aħjar prattika rigward sentenzjar, maniġġjar ta' każijiet u l-konsiderazzjoni ta' evidenza f'proċessi kriminali, b'enfasi partikolari fuq oqsma fejn nuqqasijiet diġà ġew identifikati, bħal f'proċessi kumplessi quddiem il-qorti kriminali li jinvolvu kriminalità ekonomika u akkwist pubbliku.
- Introduzzjoni ta' riformi għal, publikazzjoni fi żmien qasir ta' motivazzjonijiet tal-qrati wara li jingħataw deċiżjonijiet, is-sospensjoni ta' perjodi ta' preskrizzjoni mal-bidu ta' investigazzjoni ġudizzjarja, u għat-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà ta' kompetenzi esperti fil-qrati.
- Kontinwazzjoni tal-miżuri meħudin fil-Qorti Ġenerali biex jitħaffu proċessi quddiem il-qorti kriminali ta' korruzzjoni ta' livell għoli, jiġi żgurat li perjodi ta' preskrizzjoni huma evitati, u l-introduzzjoni ta' miżuri simili fi qrati oħrajn

- Kontinwazzjoni tat-titjib tal-konsistenza u dissważività ta' pieni applikati f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli fi qrati mar-Rumanija kollha.
- Żgurar li r-riżultati miksuba mill-Ministeru Pubbliku jitkomplew taħt it-tmexxija l-ġdida.

6. L-integrità

- Jiġi żgurat li jkun hemm rekord ta' sanzjonijiet fil-ħin u dissważivi. Aktar effiċjenza fl-analiżi ġuridika tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) permezz ta' titjib fil-proċeduri ġudizzjarji u prattika u permezz ta' analiżi tal-qafas legali tal-ANI, it-tħaffif ta' deċiżjonijiet finali u t-titjib tal-konsistenza u d-dissważività tagħhom.
- Titjib tal-koperazzjoni ta' awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi oħrajn mal-ANI bil-għan li jkun hemm skambju effettiv ta' sinjali u informazzjoni operazzjonali fit-tliet oqsma kolla ta' attivitajiet tal-ANI. Koperazzjoni mal-ANI għandha tkun miżura ta' prestazzjoni ċara għat-tmexxija ta' awtoritajiet amministrattivi oħrajn.

7. Il-Ġlieda kontra l-korruzzjoni

- Żgurar li r-riżultati miksuba mid-DNA jitkomplew taħt it-tmexxija l-ġdida.
- Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali ġdida ta' Kontra l-Korruzzjoni kif imfassla u l-istabbiliment ta' sistema komprensiva ta' monitoraġġ sabiex l-aġenziji kollha tal-gvern iwaqqfu miri u jirrapportaw annwalment, f'għamla komuni u komparabbli, fuq il-prevenzjoni ta' korruzzjoni, frodi u kunflitt ta' interess. Skont l-Istrateġija, l-istabbiliment ta' regoli proċedurali ċari u l-aħjar prattika għal deċiżjonijiet tal-Parlament li jippermettu l-investigazzjoni, l-arrest u t-tfittix ta' parlamentari.
- Turija ta' rekord fil-prosekuzzjoni ta' ħasil tal-flus bħala reat waħdu u l-għoti ta' riżultati konvinċenti fl-irkupru ta' rikavati tal-kriminalità, permezz ta' tisħiħ ta' prattika ġudizzjarja u l-applikazzjoni tal-liġi l-ġdida fuq konfiska estiża.
- Stabbiliment ta' kordinazzjoni ċara u mekkaniżmu ta' monitoraġġ bejn il-pulizija, il-prosekuzzjoni u l-awtoritajiet amministrattivi ta' kontroll, b'responsabbiltà speċifika għall-iżgurar ta' koperazzjoni effettiva u komunikazzjoni fuq il-korruzzjoni.
- Titjib fir-riżultati fil-prevenzjoni u s-sanzjonar ta' korruzzjoni, frodi u kunflitt ta' interess fl-akkwist pubbliku mas-setturi kollha ta' attività tal-gvern. F'dan il-kuntest, ir-Rumanija għandha ttiprovdi segwitu xieraq għar-rakkomandazzjoni tal-analiżi esterna tas-sistema ta' akkwist pubbliku mwettqa fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.